MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Marzu, 2019

Rikors Maħluf Numru 938/14 LM

**Jacky System S.R.L. reġistrata fl-Italja bin-numru 02365300819 bl-uffiċċju reġistrat f'Marsala (TP), Piazza G. Marconi n. 70, Italja**

***vs.***

**CenturionBet Limited (C 44934)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2014 mis-soċjetà attriċi **Jacky System S.R.L.** reġistrata fl-Italja bin-numru 02365300819, (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Michele Claudio Giacalone (detentur ta' karta tal-identità Taljana bin-numru AV 0138605), direttur tal-istess soċjetà, li jgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà esponenti hija soċjetà reġistrata fl-Italja bin-numru ta' reġistrazzjoni 02365300819 hekk kif jindika kopja ta' dokument uffiċjali maħruġ fil-21 ta' Marzu, 2014 mill-kamra tal-kummerċ, industrija, artiġġjanat u agrikoltura ta' Trapani hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. JS1', bl-attività prinċipali tagħha fin-negozju tal-'Gaming and Betting', kif inhu spjegat u indikat f'aktar dettall f'paġna tlieta (3) tad-dokument 'JS1';*

2. *Illi s-soċjetajiet kontendenti tal-kawża de quo kienu ilhom jaħdmu flimkien fis-settur tal-'Gaming' sa mis-sena elfejn u disgħa (2009). F'Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011), is-soċjetà intimata inkarigat lis-soċjetà esponenti sabiex tippromwovi l-prodotti u s-servizzi li toffri s-soċjetà intimata eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Bet1128' fl-ambitu tal-'gaming and betting' fl-inħawi ta' Trapani u Sciacca fi Sqallija, l-Italja, u għal dan il-għan il-partijiet daħlu f'kuntatt ta' mandat intitolat 'Contratto di Mandato', kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. JS2';*

3. *Illi l-partijiet ftiehmu illi s-soċjetà esponenti kellha tirċievi kummissjonijiet ossia persentaġġi mill-qligħ iġġenerat mis-soċjetà intimata hekk kif indikati fl-'Accordo Commerciale Conto Master 513' ('Accordo Commerciale') anness mal-'Contratto di Mandato', datat dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħdax (2011), kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. JS3' u sussegwentement emendat fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. JS4';*

4. *Illi kif jirriżulta mill-'Accordo Commerciale' (Dok. JS4'), tramite l-partijiet tal-kawża de quo, is-soċjetà esponenti kienet intitolata għal kummissjonijiet ekwivalenti għal ħamsin fil-mija (50%) tal-logħob wara li jitnaqqsu r-rebħ u l-persentaġġi dovuti lill-aġenziji u rappreżentanti oħra approvati mis-soċjetà esponenti, liema kummissjonijiet kienu jgħaddu lis-soċjetà esponenti permezz ta' krediti fil-'Conto Master 513' kull ġimgħa fil-kategorija tal-'betting' tal-isport, u kull xahar fil-kategoriji tal-'Poker', 'Casino', 'Games' u 'Lotto';*

5. *Illi filwaqt illi l-kreditu fil-'Conto Master 513' kien jappartjeni lis-soċjetà esponenti, l-istess Conto Master 513 kien jiġi ġestit mis-soċjetà intimata. Estratt ta' dan il-kont qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. JS5', liema estratt juri l-movimenti ta' krediti u debiti għall-perijodu mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) sal-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014);*

6. *Illi parti mill-inkarigu tas-soċjetà esponenti kien illi tfittex stabbilimenti u ċentri magħrufa bħala 'Centro Elaborazione Dati' ('CED') fi Sqallija fejn is-soċjetà*

*intimata setgħet tipprovdi s-servizzi tagħha taħt l-isem 'BET1128' u tintroduċihom mas-soċjetà intimata;*

7. *Illi s-soċjetà intimata min-naħa tagħha kienet tidħol f'kuntratti intitolati 'Contratto di Istituzione Di Stabbilimento In Italia' ('Contratto di Istituzione') ma' kull CED introdott mis-soċjetà esponenti, liema kuntratti kellhom l-iskop illi jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, inter alia l-obbligazzjonijiet reċiproċi u l-kumpens dovut liċ-CED;*

8. *Illi s-soċjetà esponenti li tiġġestixxi diversi CED hi stess daħlet f'diversi Contratto di Istituzione mas-soċjetà intimata, bħal ma huwa l-kopja tal-Contratto di Istituzione hawn esebit u mmarkat bħala 'Dok. JS6';*

9. *Illi fost l-obbligi illi kellha s-soċjetà intimata versu d-diversi CED, liema obbligi huma elenkati f'paġni tlieta (3) u erbgħa (4), partikolarment fi klawsoli minn tnejn (2) sa tnax (12) tal-Contratto di Istituzione ('Dok. JS6'), is-soċjetà intimata kellha tieħu ħsieb illi tforni liċ-CED bil-materjal, software, bl-attrezzatura u bl-apparat kollu meħtieġ sabiex iċ-CED ikun f'pożizzjoni illi jopera u joffri s-servizzi tas-soċjetà intimata adegwatament;*

10. *Illi in vista tar-relazzjoni illi s-soċjetà esponenti kellha mas-soċjetà intimata kif ukoll is-sede legali taż-żewġ soċjetajiet rispettivi, tali obbligu hawn fuq deskritt kien ai fini ta' prattiċità jiġi espletat mis-soċjetà esponenti u għaldaqstant l-istess soċjetà esponenti inkorriet spejjeż sostanzjali sabiex is-CED jiġu forniti u attrezzati bil-materjal u l-apparat kollu meħtieġ;*

11. *Illi inoltre, is-soċjetà esponenti għal darb'oħra bil-għan illi tiffaċilita r-relazzjoni tramite s-soċjetà intimata u ċ-CED, tat garanzija lis-soċjetà intimata ta' sitta u sebgħin elf Euro (€76,000) hekk kif jirriżulta mill-'Accordo Commerciale' ('Dok. JS4') bħala depożitu kawzjonali fl-eventwalità illi ċ-CED jiddeċiedu illi ma jagħtux dan id-depożitu kawzjonali huma stess, depożitu illi segħu jagħmlu permezz tal-'Allegato 3 – Deposito Cauzionale' anness mal-'Contratto di Istituzione' ('Dok. JS6');*

12. *Illi r-relazzjoni ta' bejn is-soċjetajiet kontendenti tal-kawża de quo bdiet tiddiġenera fil-bidu tas-sena elfejn u erbatax (2014) meta għal xi raġuni, is-soċjetà intimata bagħtet email lid-direttur tas-soċjetà esponenti bid-data tat-tmienja (8) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. JS7', permezz ta' liema email is-soċjetà, esponenti ġiet infurmata illi s-soċjetà intimata ma kinitx għadha f'pożizzjoni illi tħallas lis-soċjetà esponenti l-kummissjonijiet bir-rati skont l-'Accordo Commerciale' ('Dok. JS4') u li għaldaqstant mid-data tat-tlettax (13) ta' Jannar*

*2014 kienu ser jiġu applikati rati ta' ħmistax fil-mija (15%) minflok ir-rati ta' ħamsin fil-mija (50%), deċiżjoni illi ttieħdet mis-soċjetà intimata unilateralment u arbitrarjament mingħajr ma sar ebda ftehim kif jeħtieġ il-'Contratto di Mandato' (Dok. JS3), illi jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom illi permezz tal-Artikolu 12 jipprovdi li 'Eventuali modifiche al presente contratto dovranno essere fatte per iscritto ed essere sottoscritte da entrambe le parti[1]";*

13. *Illi b'effett minn Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), is-soċjetà intimata ma baqgħetx tosserva l-obbligi tagħha ai termini tal-'Accordo Commerciale' ('Dok. JS4') u ma baqgħetx tgħaddi lis-soċjetà esponenti il-kummissjonijiet dovuti skont l-istess 'Accordo Commerciale', iżda unilateralment u b'atteġġjament abbużiv u illegali ddeċidiet illi tgħaddi biss il-kummissjonijiet skont il-persentaġġi illi kien jidhrilha l-istess soċjetà intimata;*

14. *Illi dan l-atteġġjament wassal sabiex fil-'Contro Master 513' ma ġewx akkreditati mija u erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u ħamsa u għoxrin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€124,525.58) dovuti lis-soċjetà esponenti għall-perijodu mill-ewwel (1) ta' Jannar 2014 sal-ħamsa (5) ta' Mejju 2014. Dan kif jirriżulta minn prospett u diversi dokumenti annessi miegħu, immarkati kollettivament bħala 'Dok. JS8', liema dokumenti jindikaw il-profitt gross tas-soċjetà intimata, il-kummissjonijiet dovuti lid-diversi CED, u l-ammonti effettivament akkreditati lis-soċjetà esponenti fil-'Conto Master 513' għal kull xahar minn Jannar sa April;*

15. *Illi inoltre, is-soċjetà intimata abbużivament u illegalment żammet ukoll is-somma ta' sitta u sebgħin elf Euro (€76,000) illi kienu intiżi bħala depożitu kawzjonali mis-soċjetà esponenti hekk kif spjegat fi premessa numru ħdax (11) ta' dan ir-rikors ġuramentat u dan minkejja illi s-CED kollha għamlu dan id-depożitu kawzjonali huma stess u għalhekk l-iskop għaż-żamma ta' tali depożitu mis-soċjetà intimata ma baqax eżistenti;*

16. *Illi b'effett minn Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), is-soċjetà intimata għal xi raġuni illi taf hi biss, bdiet tittermina r-relazzjoni tagħha ma' diversi CED illi s-soċjetà esponenti kienet introduċiet lis-soċjetà intimata, liema CED s-soċjetà esponenti kienet investiet fihom sostanzjalment, u inter alia, nefqet is-somma ta' mitejn u tmienja u tletin elf Euro (€238,000) f'apparat u materjal, liema spejjeż, kif spjegat fi premessa numru għaxra (10), kienu a kariku tas-soċjetà intimata stess skont il-'Contratto di Istituzione' ('Dok. JS6'), u dan versu tmienja u sittin (68) CED illi s-soċjetà intimata tterminat ir-relazzjoni tagħha magħhom, liema spejjeż is-soċjetà esponenti qatt ma rkuprat;*

[1] Kwalsiasi modifiċi għall-preżenti kuntratt għandhom isiru permezz ta' ftehim bil-miktub iffirmat miż-żewġ partijiet.

17. *Illi inoltre, is-soċjetà esponenti inkorriet ukoll telf ikkwantifikat fl-ammont ta' mitejn u erbgħa u sittin elf u dsatax-il Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€264,019.52) per konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà intimata hekk kif spjegat fil-premess rappreżentanti medja tal-qligħ iġġenerat minn mija u sebgħa u għoxrin (127) CED fis-sena elfejn u tlettax (2013) kkalkolat fuq sitta u sebgħin (76) CED illi ingħalqu mis-soċjetà intimata, u dan kif jirriżulta mill-prospett anness ma' dan ir-rikors ġuramentat u mmarkat bħala 'Dok. JS9';*

18. *Illi inoltre jirriżulta illi mill-'Conto Master 513' ġestit mis-soċjetà intimata, kienu qegħdin jiġu approprjati krediti illi jappartjenu lis-soċjetà esponenti mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-istess soċjetà esponenti, b'dan illi għal perijodu mill-ewwel (1) ta' Jannar sal-ħamsa (5) ta' Mejju 2014 naqsu mill-kont krediti fil-valur ta' mitejn u tmintax-il elf, ħames mija u ħdax-il Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€218,511.36), liema krediti għal xi raġuni kienu qegħdin jiġu approprjati mis-soċjetà intimata mingħajr ebda awtorizzazzjoni taħt id-deskrizzjoni ta' 'trasferimenti interni', kif jidher fuq l-estratt mill-'Conto Master' hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. JS5';*

19. *Illi Michele Claudio Ciacalone, detentur tal-karta tal-identità Taljana bin-numru AV 0138605, direttur uniku tas-soċjetà attriċi jiddikjara illi jaf b'dawn il-fatti personalment;*

20. *Għaldaqstant, in vista tal-premess, is-soċjetà esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvedimenti oħra illi jidhrilha xierqa u opportuni, jogħġobha tilqa' t-talbiet tas-soċjetà esponenti u:*

    i. *Tiddikjara illi bl-aġir tas-soċjetà intimata, is-soċjetà esponenti sofriet telf ekonomiku konsistenti in parte f'kummissjonijiet mhux imħallsa, in parte f'danni sofferti u/jew telf ta' qligħ, u/jew in parte f'ammonti miżmuma u/jew approprjati mis-soċjetà intimata mingħajr awtorizzazzjoni mis-soċjetà esponenti;*

    ii. *Tiddikjara lis-soċjetà intimata debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' disa' mija u wieħed u għoxrin elf u mija u sitta u erbgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€921,146.46), jew somma verjuri, rappreżentanti*

        (a) *In kwantu għall-ammont ta' mija u erbgħa u għoxrin elf ħames mija u ħamsa u għoxrin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€124,525.58) rappreżentanti bilanċ ta' ammonti dovuti bħala kummissjonijiet għall-perijodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Jannar 2014 u l-ħamsa (5) ta' Mejju 2014 a tenur tal-'Accordo Commerciale' hekk kif emendat fis-6 ta' Novembru, 2013;*

*(b) in kwantu għall-ammont ta' sitta u sebgħin elf Euro (€76,000) rappreżentanti depożitu kawzjonali ddepożitat mis-soċjetà esponenti mas-soċjetà intimata, liema depożitu kellu jiġi rimborżat lura mis-soċjetà intimata lis-soċjetà esponenti in vista tal-fatt illi ma baqax jeżisti l-isop ta' tali depożitu;*

*(c) in kwantu għall-ammont ta' mitejn u tmienja u tletin elf Euro (€238,000) rappreżentanti spejjeż illi nkorriet is-soċjetà esponenti għan-nom tas-soċjetà intimata sabiex jiġu attrezzati ċ-CED ġewwa Sqallija, liema spejjeż is-soċjetà esponenti qatt ma ġiet rimborsata tagħhom mis-soċjetà intimata;*

*(d) in kwantu għall-ammont ta' mitejn u erbgħa u sittin elf, mija u disa' Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€264,109.52) rappreżentanti telf illi sofriet is-soċjetà esponenti per konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà intimata illi ttemm ir-relazzjoni tagħha ma' numru ta' stabbilimenti;*

*(e) u in kwantu għall-ammont ta' mitejn u tmintax-il elf, ħames mija u ħdax-il Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€218,511.36) rappreżentanti ammont ta' krediti approprjati mis-soċjetà intimata mingħajr awtorizzazzjoni tas-soċjetà esponenti mill-'Conto Master 513';*

*iii. Tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' disa' mija u wieħed u għoxrin elf u mija u sitta u erbgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€921,146.46), jew somma verjuri, bl-imgħaxijiet kummerċjali u spejjeż mill-ħamsa (5) ta' Mejju, 2014 sad-data tal-pagament effettiv;*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata illi inn issa tiġi inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **CenturionBet Limited** (C 44934) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fit-28 ta' Novembru, 2014, u maħlufa minn Antonio Buontempo (numru tal-karta tal-identità 58911A), fil-kwalità tiegħu ta' direttur tal-istess soċjetà, li biha eċċepiet:

1. *Illi in linea preliminari, it-talbiet attriċi huma proċeduralment insostenibbli in kwantu l-ewwel talba ma tagħmilx distinzjoni bejn talba għad-danni u talbiet oħrajn;*
2. *Illi inoltre l-ebda talba għad-danni ma tista' tiġi akkolta jekk ma tiġix preċeduta minn talba għad-dikjarazzjoni ta' responsabbilità tas-soċjetà intimata skont il-liġi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attriċi kif dedotti fil-konfront tas-soċjetà esponenti għandhom jiġu respinti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi b'referenza għat-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat, jiġi kjarit li l-kuntratt ta' mandat bejn il-kontendenti, imsejjaħ 'Contratto di Mandato' (Dok. JS2 anness mar-rikors ġuramentat), jirrigwarda limitatament il-mandat mogħti lis-soċjetà attriċi għall-identifikazzjoni ta' stabbilimenti magħrufa bħala 'Centro Elaborazione/Trasmissione Dati' ('CTD' u 'CED') fi Sqallija, preċiżament fiż-żoni ta' Trapani u Sciacca, u konsegwentement sabiex tassisti lis-CTDs u CEDs fil-ġabra u l-ipproċessar tad-dokumentazzjoni neċessarja sabiex jibda jopera l-istabbiliment;*

5. *Illi kuntrarjament għal dak li jingħad fit-tielet paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-'Accordo Commeriale' (Dok. JS3 u Dok. JS4 annessi mar-rikors ġuramentat), huwa dokument magħżul u mifrud mill-'Contratto di Mandato', u qatt ma kien dokument anness miegħu. In effetti, il-'Contratto di Mandato' ma jipprovdix li l-'Accordo Commerciale' huwa dokument anness miegħu, u lanqas ma ġew iffirmati fl-istess jum;*

6. *Illi kuntratt ieħor li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti huwa il-'Contratto di Istituzione di Stabilimento in Italia' (kopja tiegħu tinsab annessa ma' din ir-risposta ġuramentata u mmarkata bħala Dok. CB1). Dan il-kuntratt jirregola r-relazzjoni bejn is-soċjetà esponenti u d-diversi CTDs u CEDs u kull wieħed minn dawn l-istabbilimenti jkollu kuntratt għalih. Peress li s-soċjetà attriċi topera numru ta' stabbilimenti CTD u CED, hi stess daħlet f'dawn it-tip ta' kuntratti mas-soċjetà esponenti, kif iddikjarat minnha fit-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat;*

7. *Illi kuntrarjament għall-'Contratto di Mandato' u għall-'Accordo Commerciale', il-'Contratto di Istituzione di Stabilimento in Italia' espressament jistabbilixxi li hemm numru ta' dokumenti annessi miegħu (Vide Dok. CB1);*

8. *Illi filwaqt li l-'Contratto di Mandato' jipprovdi klawsola ta' rexissjoni, klawsola rigward it-terminu tal-kuntratt, u kif ukoll klawsola li tirregola l-komunikazzjoni bejn il-partijiet, inkluż kambjamenti fil-kuntratt mixtieqa minnhom, dawn l-istess tip ta' klawsoli ma jirriżultawx fl-'Accordo Commerciale';*

9. *Illi in vista tas-suespost, is-soċjetà esponenti ma kinitx marbuta bil-kummissjonijiet indikati fl-'Accordo Commerciale', imma kienet libera li tirrevedihom skont l-esiġenzi kummerċjali;*

10. *Illi permezz ta' korrispondenza elettronika mibgħuta fit-8 ta' Jannar, 2014 mid-direttur tas-soċjetà esponenti, is-Sur Antonio Buontempo, informa lid-direttur tas-soċjetà attriċi, is-Sur Michele Giacalone, bir-reviżjoni tal-kummissjonijiet minn 50% għal 15% (Dok. JS2 anness mar-rikors ġuramentat);*

11. *Illi s-soċjetà attriċi qatt ma oġġezzjonat għal tali reviżjoni, u aċċettat il-ħlas ta' kummissjonijiet li saru b'din ir-rata hekk riveduta;*

12. *Illi bejn l-erbgħa (4) u s-sitta (6) ta' Frar 2014, is-Sur Antonio Buontempo għas-soċjetà esponenti u s-Sur Michele Giacalone għas-soċjetà attriċi, kienu attendew fiera tal-Gaming f'Londra. Waqt din il-fiera kien intlaħaq ftehim bejniethom li l-kummissjoni hekk kif riveduta ta' 15% jkollha bonus addizzjonali ta' 5% sabiex effettivament b'mod kumpless titla' għas-soċjetà attriċi minn 15% għal 20%;*

13. *Illi għaldaqstant it-tieni talba tar-attriċi skont il-paragrafu 20. Ii (a), u ċioe rigward l-allegat bilanċ ta' mija u erbgħa u għoxrin elf, ħames mija u ħamsa u għoxrin Euro, u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€124,525.58), hija insostenibbli;*

14. *Illi rigward it-tielet talba tar-attriċi skont il-paragrafu 20.ii (b), u ċioe l-allegazzjoni li d-depożitu kawzjonali ta' sitta u sebgħin elf Euro (€76,000) ma ġiex rimborsat lura mis-soċjetà esponenti, is-soċjetà esponenti tirrileva li fit-22 ta' April tas-sena 2014 saru żewġ depożiti separati ta' tmint elef tliet mija u wieħed u tletin Euro (€8,331) u ta' ħamsa u tletin elf, ħames mija u tletin Euro (€35,530) fil-kont tas-soċjetà attriċi kif muri f'estratt ta' statement tal-'Conto Master 513' hawn anness u mmarkat Dok. CB2, u fid-dettalji tat-tranżazzjonijiet annessi u markati Dok. CB2.1 u Dok.CB2.2;*

15. *Illi għaldaqstant l-ammont effettivament dovut lis-soċjetà attriċi huwa ta' tnejn u tletin elf mija u disgħa u tletin Euro (€32,139) u mhux sitta u sebgħin elf Euro (€76,000) liema somma s-soċjetà esponenti m'għandhiex oġġezzjoni illi tittieħed miċ-ċedola ta' depożitu ta' sitta u tletin elf, seba' mija u disgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€36,769.69) magħmula mill-Bank of Valletta plc (kopja taċ-ċedola numru 1622/14) hawn annessa u mmarkata Dok. CB9) liema ċedola saret in segwitu ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ mis-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà intimata numru 1690/2014, u għaldaqstant m'għandux jinżamm responsabbli tal-imgħax fuq l-istess ammont;*

16. *Illi għal dak li jirrigwardja r-raba' talba kontenuta fil-paragrafu 20.ii (c) tar-rikors ġuramentat, issir referenza għall-Artikolu 11 tal-'Contratto di Mandato' (Dok. JS2) fejn jingħad li l-ispejjeż kollha, ta' kwalsiasi tip, għandhom ikunu sopportati mis-soċjetà attriċi, b'eċċezzjoni għal dawk l-ispejjeż li jiġu espressament awtorizzati bil-miktub mis-soċjetà esponenti;*

17. *Illi kif jikkonferma fl-affidavit tiegħu s-Sur Giovanni Paolo Memola, impjegat tas-soċjetà esponenti bħala 'Key Account Manager' (hawn anness u mmarkat Dok. CB3), is-soċjetà attriċi qatt ma infurmat lis-soċjetà esponenti b'xi tip ta' spejjeż li xtaqet tagħmel ai termini tal-Artikolu 11 fuq imsemmi, u konsegwentement qatt ma ottjeniet kunsens bil-miktub biex tidħol fi spejjeż li allegatament jammontaw għal mitejn u tmienja u tletin elf Euro (€238,000);*

18. *Illi għaldaqstant, ir-raba' talba kontenuta fil-paragrafu 20.ii(c) għandha tiġi miċħuda;*

19. *Illi fil-ħames talba skont il-paragrafu 20.ii (d) tar-rikors ġuramentat, is-soċjetà attriċi tallega li sofriet telf ta' mitejn u erbgħa u sittin elf mija u disgħa Euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€264,109.52) wara li s-soċjetà esponenti tterminat ir-relazzjoni tagħha ma' numru ta' stabbilimenti;*

20. *Illi s-soċjetà esponenti tagħmel referenza għall-korrispondenza elettronika mibgħuta mis-Sur Antonio Buontempo għas-soċjetà esponenti lis-Sur Michele Giacalone għas-soċjetà attriċi fit-12 ta' Settembru, 2013, permezz ta' liema intbagħtet lista sħiħa ta' stabbilimenti li ma setgħux aktar jibqgħu joperaw (hawn annessa u mmarkata Dok. CB4);*

21. *Illi jiġi kjarit li oltre disgħin fil-mija (90%) mill-istabbilimenti indikati fil-lista Dok. CB4 ma kinux applikaw għal-liċenzja neċessarja sabiex joperaw bħala stabbiliment tal-logħob fl-Italja, 'l hekk imsejħa 'Articolo 88 T.U.L.P.S.';*

22. *Illi kif jirriżulta mill-parir tal-Avukat Taljan Avv. Vincenzo Maria Scarano (li kopja tiegħu tinsab annessa u mmarkata bħala Dok. CB5) stabbilimenti tal-logħob (CTD) għandhom japplikaw għal din il-liċenzja obbligatorja. F'każ li ma ssirx l-applikazzjoni għal din il-liċenzja mal-awtoritajiet Taljani l-istabbiliment ma jkunx jista' jibqa' jopera;*

23. *Illi bħala mandatarja tas-soċjetà esponenti għall-fini tal-identifikazzjoni ta' stabbilimenti CTD fiż-żoni ta' Trapani u Sciacca, Sqallija, u sabiex tassisti lill-operaturi ta' dawn l-istabbilimenti fil-ġabra u l-ipproċessar tad-dokumentazzjoni neċessarja sabiex joperaw bħala stabbiliment tal-logħob, is-soċjetà attriċi kienet fid-dover li tassikura li ssir l-applikazzjoni għal tali liċenzja. Il-fatt li ben disgħa u sebgħin (79)*

*CTDs ma kinux applikaw għal din il-liċenzja hija unikament responsabbilità tas-soċjetà attriċi;*

24. *Illi fir-rigward tar-rimanenti sitt (6) stabbilimenti indikati fil-lista Dok. CB4, ħamsa (5) minn dawn kellhom jieqfu joperaw għax ma kienu qed jiġġeneraw ebda profitt, u l-ieħor kien qed jiġġenera profitt baxx wisq;*

25. *Illi f'kull każ, jiġi rilevat illi t-terminazzjoni da parti tas-soċjetà esponenti ma' stabbilimenti oħra hija xi ħaġa li taqa' unikament fir-relazzjoni ta' bejn l-istess, u jiġi rilevat illi l-ebda minn dawn l-istabbilimenti m'huma qed jikkontestaw it-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' bejniethom;*

26. *Illi huwa għal kollox ġuridikament inammissibbli illi s-soċjetà attriċi tippretendi kumpens għaliex is-soċjetà esponenti itterminat relazzjoni li kellha ma' stabbilimenti oħra, kif kellha kull dritt li tagħmel, liema dritt mhux qed jiġi kkontestat;*

27. *Illi in vista tar-raġunijiet suesposti, il-ħames talba skont il-paragrafu 20.ii (d) għandha wkoll tiġi miċħuda;*

28. *Illi kuntrarjament għal dak allegat fit-tmintax-il paragrafu tar-rikors ġuramentat, is-soċjetà esponenti qatt ma approprjat krediti li jappartjenu lis-soċjetà attriċi;*

29. *Illi s-soċjetà esponenti tagħmel referenza għal numru konsiderevoli ta' korrispondenza elettronika mibgħuta lilha mis-soċjetà attriċi (kopja tagħhom tinsab annessa u mmarkata Dok. CB6), fejn talbet lis-soċjetà esponenti tagħmel trasferimenti mill-'Conto Master 513' għal kontijiet oħra, fosthom ta' CTD (vide statement tal-'Conto Master 513' Dok. CB6);*

30. *Illi għaldaqstant, is-sitt talba skont il-paragrafu 20.ii (e) tar-rikors ġuramentat għandha wkoll tiġi miċħuda;*

*Illi in vista tar-raġunijiet suesposti, it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti, u f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-somma pretiża mis-soċjetà attriċi hija f'kull każ eċċessiva, u għandha tiġi ppruvata;*

31. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Diċembru, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kwistjoni bejn il-partijiet taf il-bidu tagħha fir-relazzjoni kummerċjali li kellhom bejniethom, liema relazzjoni kienet regolata minn ftehim separati: (a) il-*Contratto di Mandato,* li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ngħatat l-inkarigu sabiex tippromwovi l-prodotti u s-servizzi li toffri s-soċjetà konvenuta eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem 'Bet1128' fl-ambitu tal-'gaming and betting' fl-inħawi ta' Trapani u Sciacca fi Sqallija, l-Italja; (b) l-*Accordo Commerciale,* li jirregola l-aspett finanzjarju ta' din ir-relazzjoni; (ċ) u l-*Contratto di Istituzione di Stabbilimento* li kienet tidħol fihom is-soċjetà konvenuta ma' dawk iċ-CTDs jew CEDs li hija tiddeċiedi li tidħol f'relazzjoni kummerċjali magħhom wara li ssir id-*due diligence* tad-dokumentazzjoni pprovduta lilha mis-soċjetà attriċi.

Il-partijiet kienu ftiehmu li s-soċjetà attriċi kellha tirċievi kummissjonijiet li jammontaw għal ħamsin fil-mija (50%) tal-qligħ iġġenerat mis-soċjetà konvenuta wara li jitnaqqsu r-rebħ u l-perċentwali dovuta lill-aġenziji u rappreżentanti oħra, u l-kummissjonijiet dovuti lilha kellhom jitħallsu f'kont magħruf bħala *Conto Master 513,* u l-krediti fih kienu jappartjenu lis-soċjetà attriċi, minkejja li bħala kont kien ġestit mis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta kellha għadd ta' obbligi kontrattwali fil-konfront ta' dawk iċ-CTDs u/jew CEDs aċċettati minnha, għalkemm uħud minn dawn l-obbligi kienet taqdihom is-soċjetà attriċi minħabba li kellha preżenza fl-Italja, filwaqt li s-soċjetà konvenuta hija soċjetà rreġistrata f'Malta, bl-uffiċċji tagħha f'Malta. In vista tar-relazzjoni fiduċjarja li ż-żewġ soċjetajiet kellhom bejniethom, kien hemm uħud minn dawn l-obbligi li kienet taqdihom is-soċjetà attriċi, bħalma kien il-forniment ta' materjal promozzjonali u materjal ieħor sabiex dawn iċ-CTDs u CEDs setgħu joperaw u jiġġeneraw qligħ. Is-soċjetà attriċi tgħid li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet tiddeġenera fil-bidu tal-2014 meta s-soċjetà konvenuta kienet infurmat lir-rappreżentanti tagħha, fosthom lis-soċjetà attriċi Jacky System, li kienet qiegħda tnaqqas il-kummissjonijiet imħallsa minnha, minn 50% għal 15%, liema deċiżjoni jidher li ttieħdet minnha b'mod unilaterali. Is-soċjetà attriċi tallega li dan sar bi ksur tal-*Accordo Commerciale* bejn il-partijiet, u dan wassal biex is-soċjetà attriċi allegatament sofriet telf ammontanti għal eluf ta' Euro. Jidher li kienet din id-deċiżjoni tas-soċjetà konvenuta li tnaqqas l-kummissjonijiet imħallsa lis-soċjetà konvenuta, li wasslet biex is-soċjetà attriċi titlob rifużjoni tal-ispejjeż minfuqa minnha sabiex setgħu jiġu arredati u jibdew joperaw għadd ta' stabbilimenti CTDs u CEDs, u dan anki wara li s-soċjetà konvenuta tterminat il-ftehim li kellha ma' għadd kbir minn dawn iċ-ċentri. Is-soċjetà konvenuta qiegħda titlob il-ħlas tal-

ammont ta' disa' mija, u wieħed u għoxrin elf, mija u sitta u erbgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€921,146.46), flimkien mal-imgħaxijiet legali dovuti lilha b'effett mill-5 ta' Mejju, 2014, liema ammonti jirrappreżentaw: (i) €124,525.58 kummissjonijiet li kienu dovuti lilha għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-5 ta' Mejju 2014, meta r-rata ta' kummissjoni mħallsa mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi ġiet riveduta minn 50% għal 15%; (ii) €76,000 rappreżentanti r-rifużjoni tad-depożitu kawzjonali mħallas mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta sabiex jagħmel tajjeb għal dawk iċ-CTDs u CEDs li ma ħallsux id-depożitu kawzjonali dovut minnhom; (iii) €238,000 spejjeż minfuqa mis-soċjetà attriċi sabiex ġew attrezzati għadd ta' CTDs u CEDs; (iv) €264,109.52 telf soffert mis-soċjetà attriċi wara li s-soċjetà konvenuta ddeċidiet li tagħlaq għadd ta' CTDs u CEDs li kienu tressqu lis-soċjetà konvenuta tramite l-intervent tas-soċjetà attriċi; u (v) €218,511.36 li s-soċjetà attriċi tallega li ttieħdu mill-*Conto Master 513* mis-soċjetà konvenuta, liema krediti kienu jappartjenu lis-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà konvenuta wieġbet li t-talbiet attriċi huma insostenibbli, u dan in vista tal-fatt li s-soċjetà attriċi ma tispeċifikax in-natura tad-debitu pretiż minnha, filwaqt li qalet li talba għad-danni bħalma hi dik li ressqet is-soċjetà attriċi, trid tkun preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità da parti tas-soċjetà konvenuta, xi ħaġa li ma saritx. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li filwaqt li l-*Contratto di Mandato* jistipula fih klawsola ta' rexxissjoni, klawsola dwar it-terminu tal-kuntratt, u klawsoli dwar kambjamenti fir-relazzjoni bejn il-partijiet, dawn il-klawsoli ma jirriżultawx ukoll fl-*Accordo Commerciale* li jirregola l-aspett finanzjarju tar-relazzjoni bejn il-kontendenti. Ġie eċċepit ukoll li per konsegwenza, is-soċjetà konvenuta ma kinitx marbuta

b'rata ta' ħlas ta' kummissjonijiet fissi fl-*Accordo Commerciale.* Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li wħud miċ-CTDs u CEDs ma setgħux jibqgħu joperaw minħabba nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti tal-liġi Taljana, filwaqt li oħrajn minnhom ma kinux vijabbli ekonomikament.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur is-soċjetà attriċi esebiet kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tagħha fl-Italja[2], fejn l-attività ekonomika eżerċitata mis-soċjetà attriċi ġiet deskritta bħala '*centro elaborazioni elettroniche di dati'.* Ġie esebit ukoll kopja tal-*Contratto di Mandato* ffirmat bejn min-naħa l-waħda l-mandanti CenturionBet Limited, eżerċenti l-kummerċ bħala BET1128 permezz tal-liċenzja LGA/CL2/527/2008 maħruġa mil-*Lotteries and Gaming Authority* f'Malta, u l-mandatarja Jacky System S.R.L., li ngħatat l-inkarigu li ssib stabbilimenti fiż-żoni ta' Trapani u ta' Sciacca fi Sqallija sabiex minnhom ikun jista' jitmexxa 'l quddiem in-negozju tal-mandanti.[3] Ġiet esebita wkoll kopja tal-*Accordo Commerciale Conto Master 513* iffirmat fid-19 ta' Settembru, 2011[4], bil-verżjoni emendata tal-istess kuntratt li ġġib id-data tas-6 ta' Novembru, 2013[5], u li tispeċifika illi:

> *"Il Master dovrà versare il 50% globale del credito presente nelle sua rete, tale ammontare potrà variare nel caso in cui i ced decidano direttamente di effettuare deposito cauzionale."*

[2] *A fol.* 10 tal-proċess.
[3] Klawsola 3 tal-*Contratto di Mandato* tispeċifika illi: *"Il presente contratto ha per oggetto il conferimento al Mandatario dell'incarico di illustrazione e divulgazione, promozione e sviluppo, nel territorio Italiano, dei prodotti del Mandante."*
[4] *A fol.* 23 tal-proċess.
[5] *A fol.* 25 tal-proċess.

Is-soċjetà attriċi esebiet ukoll kopja ta' estratt mill-*Conto Master 513,* sabiex turi l-movimenti li kien hemm f'dan il-kont fil-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2014 u l-5 ta' Mejju, 2014.[6] Ġiet esebita wkoll kopja tal-*Contratto di Istituzione di Stabilimento in Italia*[7] li l-partijiet f'din il-kawża kienu jiffirmaw ma' kull ċentru CED jew CTD li s-soċjetà attriċi kienet tressaq lejn is-soċjetà konvenuta, u minn fejn tirriżulta lista ta' obbligi li s-soċjetà konvenuta ntrabtet li tonora fil-konfront ta' kull CED jew CTD li ffirma dan il-ftehim. Huwa dan id-dokument li jipprovdi għall-ħlas ta' depożitu kawzjonali da parti taċ-CEDs fir-rigward tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' *email*[8] mibgħuta mis-soċjetà konvenuta lil Michele Giacalone għas-soċjetà attriċi, li permezz tagħha infurmatu li kienet ser issir reviżjoni fil-kummissjonijiet imħallsa minn 50% għal 15%.[9] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' prospett li jindika t-telf ta' qligħ li hija pproġettat li għamlet abbażi tal-profitti li ġġenerat is-soċjetà konvenuta fis-sena 2013.[10]

Permezz ta' nota separata, is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll għadd ta' dokumenti, fosthom *specimen* ta' kuntratt li l-konvenuta kienet tidħol fih ma' kull CED/CTD introdott lilha mis-soċjetà attriċi, b'elenku tad-diversi obbligi li s-soċjetà konvenuta kienet tintrabat li tonora fir-rigward ta' kull CED/CTD.[11] Ġew ippreżentati wkoll għadd ta' estratti mill-*Conto Master 513* b'kalkoli li

[6] *A fol.* 27 tal-proċess.
[7] *A fol.* 35 tal-proċess.
[8] *A fol.* 41 tal-proċess.
[9] *"Pertanto vi comunichiamo che, a partire da Lunedí 13 Gennaio 2014, il vostro accordo commerciale verrà cambiato d'ufficio passando dall'attuale Cobanco al 50% ad un Bonus sull'utile del 15% che verrà accreditato ogni ultima domenica del mese e sarà applicato su tutti i prodotti presenti su Bet1128."*
[10] *A fol.* 68 tal-proċess.
[11] *A fol.* 83 tal-proċess. Fost l-obbligi li s-soċjetà konvenuta daħlet għalihom hemm dawk elenkati fi klawsoli 4 sa 6 tal-ftehim, li testwalment jaqraw hekk – *"Fornire al C.E.D. o STABILIMENTO il materiale di formazione, di promozione e di pubblicità dell'attività posta in essere. Fornire al C.E.D. o STABILIMENTO supporto per la formazione del personale nonché per il funzionamento del software. All'uopo CenturionBet Ltd si impegna ad organizzare evenutale corsi di preparazione all'attività. Fornire al C.E.D. o STABILIMENTO consulenza per l'attrezzatura dei locali, ivi compresa la scelta e l'acquisto dell'apparecchiatura informatica; la CenturionBet Ltd si impegna altresí a fornire al C.E.D. o STABILIMENTO, se richiesto, i contatti necessari per l'assistenza e la manutenzione del materiale installato."*

għamlet is-soċjetà attriċi fir-rigward ta' kummissjonijiet li hi pprospettat li tirċievi għall-perijodu bejn Jannar u Mejju tal-2014 skont l-*Accordo Commerciale,* liema kummissjonijiet hi qatt ma rċeviet.[12] Is-soċjetà attriċi tgħid li hi kienet intitolata għal kummissjonijiet li jammontaw għal 50% tal-ammont attwali riċevuti mis-soċjetà konvenuta. Ġew esebiti wkoll għadd ta' fatturi bħala prova tal-ispiża minfuqa mis-soċjetà attriċi biex attrezzat l-istabbilimenti għaċ-CED/CTD ħalli dawn ikunu jistgħu joffru s-servizzi tas-soċjetà konvenuta[13], flimkien ma' għadd ta' ritratti li juru x-xogħol li sar f'dawn l-istabbilimenti.[14] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll għadd ta' ċekkijiet mgħoddija minn diversi CED/CTD lis-soċjetà konvenuta bħala prova li din irċeviet depożiti kawzjonali mingħand iċ-CED/CTD separatament.[15]

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha ppreżentat kopja tal-*Contratto di Istituzione di Stabilimento in Italia*[16], kopja ta' estratt mill-*Conto Master 513,* b'dokument li jiddettalja xi tranżazzjonijiet li saru f'dan il-kont[17], kif ukoll *affidavit* ta' **Giovanni Paolo Memola**[18], impjegat bħala *key account manager* mas-soċjetà konvenuta minn Awwissu tas-sena 2009. Dan ix-xhud spjega li f'dan ir-rwol hu jinvolvi ruħu fil-proċess tal-ftuħ ta' stabbilimenti tal-logħob permezz tal-'*Contratto di* Mandato', jieħu ħsieb jassisti r-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta li joperaw barra minn Malta, fosthom lis-soċjetà attriċi, u jassisti l-istabbilimenti tal-logħob fix-xogħol ta' kuljum tagħhom. Hu spjega li ċ-CTDs u CEDs huma stabbilimenti tal-logħob li jinsabu barra minn Malta, li joperaw servizzi ta' logħob *online* u li jiġu awtorizzati jagħmlu dan jew

[12] *A fol.* 89 *et seq.* tal-proċess.
[13] *A fol.* 124 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 294 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 323 *et seq.* tal-proċess.
[16] *A fol.* 382 tal-proċess.
[17] *A fol.* 400 tal-proċess.
[18] *A fol.* 403 tal-proċess.

permezz ta' kuntatt dirett mas-soċjetà konvenuta inkella billi jikkuntattjaw lil xi waħda mir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, fosthom lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjega li r-relazzjoni kummerċjali bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta hi regolata mill-ftehim imsejħa '*Contratto di Mandato'* u '*Accordo Commerciale',* filwaqt li r-relazzjoni bejn is-soċjetà konvenuta u d-diversi CTDs hi regolata mill-'*Contratto di Istituzione di Stabilimento in Italia'.* Kompla jgħid li l-'*Contratto di Mandato'* hu kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet fil-kawża minħabba li s-soċjetà attriċi hi mandatarja tas-soċjetà konvenuta. Il-mandat mogħti lis-soċjetà attriċi hu limitat għall-identifikazzjoni ta' stabbilimenti li potenzjalment jistgħu jintużaw għal-logħob, u għall-assistenza lill-operaturi ta' dawn l-istabbilimenti fil-ġbir tad-dokumentazzjoni legali neċessarja kollha biex dawn ikunu jistgħu jibdew joperaw minn stabbiliment tal-logħob fl-Italja. Hu kompla jgħid li l-*Contratto di Mandato* intuża mis-soċjetà konvenuta biex tidħol f'relazzjoni kummerċjali ma' għadd ta' rappreżentanti li setgħu jidentifikaw siti potenzjali għal-logħob, li kienu lesti li joperaw il-*website* tas-soċjetà konvenuta taħt l-isem *Bet1128.com.* Qal li s-soċjetà attriċi kienet waħda minn dawn ir-rappreżentanti. Ix-xhud kompla jispjega li wara li jkun intgħażel l-istabbiliment tal-logħob partikolari skont id-dispożizzjonijiet tal-*Contratto di Mandato,* l-istabbiliment tal-logħob ikun jista' jibda jopera s-servizzi ta' logħob ipprovduti mis-soċjetà konvenuta. Huwa qal li hu biss f'dan il-punt li jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-*'Accordo Commerciale'* pattwiti bejn il-partijiet fil-kawża. Ix-xhud qal ukoll li dawn iż-żewġ tipi ta' ftehim huma separati u distinti minn xulxin, u li filwaqt li l-*'Contratto di Mandato'* jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet sakemm ikun hemm il-ftuħ tal-istabbiliment tal-logħob partikolari, l-'*Accordo Commerciale'* jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet wara li l-

istabbiliment ikun beda joffri s-servizzi marbuta mas-sit web *Bet1128.com.* F'każ li s-soċjetà attriċi ma tasalx biex tassisti l-istabbiliment partikolari jibda jopera s-servizzi ta' logħob fornuti mis-soċjetà konvenuta, id-dispożizzjonijiet tal-*'Accordo Commerciale'* ma jidħlux fis-seħħ. Ix-xhud spjega li l-Artikolu 2 tal-*'Contratto di Mandato'* jistabbilixxi l-metodu ta' komunikazzjoni li għandu jintuża mill-partijiet fil-kuntratt, u li f'każ li jkun hemm xi tibdil għall-kontenut tal-kuntratt, għandu jingħata preavviż ta' tletin ġurnata mill-parti li tkun qiegħda tipproponi tali bidla. L-Artikolu 8 tal-istess ftehim jirregola l-metodu kif dan il-kuntratt jista' jiġi rexxiss, filwaqt li l-Artikolu 11 jistabbilixxi li l-ispejjeż kollha marbuta mat-twettiq tal-obbligi pattwiti, għandhom ikunu sopportati mis-soċjetà attriċi, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-ispejjeż li jkunu espressament awtorizzati mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li f'dan ir-rigward is-soċjetà attriċi qatt ma kisbet l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà konvenuta biex tarreda l-istabbilimenti inkwistjoni, u li għalhekk il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi għall-ħlas lilha ta' €238,000 għal spejjeż marbuta mal-arredament tal-imsemmija istabbilimenti hija infondata.

Ix-xhud Giovanni Paolo Memola jgħid ukoll li l-*'Contratto di Mandato'* ma jagħmel l-ebda riferiment għall-ħlas ta' xi rimunerazzjoni għal servizzi mogħtija taħt dan il-kuntratt partikolari, filwaqt li l-*'Accordo Commerciale'* ma jinkludi fih ebda klawsola għar-rexxissjoni tal-ftehim jew għal terminu ta' validità tal-ftehim, u jipprovdi biss għal perċentwal ta' profitti mill-istabbilimenti tal-logħob li kienu introdotti mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud spjega wkoll li t-tielet ftehim, dak magħruf bħala *'Contratto di Istituzione di Stabilimento in Italia'* kien maħsub biex jirregola r-relazzjoni bejn is-soċjetà konvenuta u ċ-CTD/CEDs individwali. Ix-xhud irrefera għat-talba tas-soċjetà attriċi għall-ħlas lilha tal-

ammont ta' €76,000 rappreżentanti depożitu kawzjonali mħallas minnha, u qal li s-soċjetà konvenuta fit-22 ta' April, 2014 kienet diġà għamlet ħlas parzjali fl-ammonti ta' €8,331 u €35,530.

Is-soċjetà konvenuta esebiet ukoll kopja ta' parir legali mogħti mill-**avukat Vincenzo Maria Scarano**[19], fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Taljana magħrufa bħala 'Articolo 88 TULPS (Testo unico leggi pubblica sicurezza)', liema liġi tistipula li l-istabbilimenti li daħlu f'kuntratt mas-soċjetà konvenuta sabiex ifornu s-servizzi tagħha minn diversi postijiet fl-Italja, kellu jkollhom liċenzja li tikkonforma mal-imsemmi artikolu tal-liġi. Ġew esebiti wkoll diversi *emails* u estratti minn *statements* tal-*Conto Master 513*[20]*, affidavit* ta' waħda mill-impjegati tas-soċjetà konvenuta, **Michela Pusceddu**[21], lista tad-dokumenti neċessarji biex wieħed jiftaħ stabbiliment tal-logħob fl-Italja[22], kif ukoll kopja taċ-ċedola numru 1622/14.[23]

Fix-xhieda tagħha **Michela Pusceddu** qalet li hi ġiet impjegata mis-soċjetà konvenuta bħala *Fraud Analyst* u sussegwentement ħadet ir-rwol ta' *Key Account Support,* f'liema rwol hi tassisti lir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta li joperaw minn diversi postijiet fl-Italja, fosthom lis-soċjetà attriċi, u tfornihom bl-informazzjoni neċessarja kollha sabiex dawn ikunu jistgħu jibnu relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qalet li tgħin ukoll lill-operaturi ta' dawn l-istabbilimenti sabiex ifornu d-dokumentazzjoni kollha neċessarja sabiex is-soċjetà konvenuta tkun tista' tagħmel l-iskrutinju tagħha (*due diligence)* tal-applikant. Ix-xhud spjegat it-tip ta' assistenza li hi toffri liċ-CTDs u CEDs ta' kuljum. Hi kompliet tgħid li fl-1 ta' Marzu, 2014 kienet irċeviet

[19] *A fol.* 410 tal-proċess.
[20] *A fol.* 413 *et seq.* tal-proċess.
[21] *A fol.* 445 tal-proċess.
[22] *A fol.* 447 tal-proċess.
[23] *A fol.* 449 tal-proċess.

telefonata mingħand Piero Giacalone, iben Michele Giacalone, li kien ilmenta li l-kummissjoni mħallsa lis-soċjetà attriċi kienet tnaqset għal 15%, meta l-ftehim bejn id-diretturi taż-żewġ soċjetajiet partijiet f'din il-kawża kien li r-rata ta' kummissjoni kellha tkun ta' 20%, u dan wara laqgħa li dawn kellhom f'Londra. Qalet li fl-ebda waqt ma kien hemm xi ilment li r-rata ta' kummissjoni miftiehma kellha tkun ta' 50%, u hi kienet taf li l-5% differenza kienet tħallset lis-soċjetà attriċi permezz ta' kreditu li tpoġġa fil-kont tal-Master 513 tagħha fil-11 ta' Marzu, 2014.

Fl-*affidavit* tiegħu **Michele Claudio Giacalone**[24] xehed li hu l-uniku amministratur u azzjonist maġġoritarju tas-soċjetà attriċi li ġiet reġistrata f'Settembru tal-2009 sabiex topera fl-industrija tal-logħob fit-territorju Sqalli. Hu qal li beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta fis-sena 2005, sabiex jippromwovi l-prodotti u s-servizzi tas-soċjetà konvenuta taħt l-isem 'BET1128' fis-suq Sqalli. Ix-xhud qal li dak iż-żmien hu personalment investa somom ta' flus sabiex jassigura li ssir promozzjoni ta' dawn il-prodotti, u dan bl-intiża li kien ser jirċievi perċentwal mill-qligħ iġġenerat mis-soċjetà konvenuta. Qal li skont l-*'Accordo Commerciale'* li kellhom bejniethom il-partijiet, is-soċjetà attriċi kellha tirċievi ħamsin fil-mija (50%) mill-qligħ iġġenerat mil-logħob u l-imħatri, wara li jitnaqqsu l-flus allokati għar-rebħ u peċentwali dovuti lill-istabbilimenti 'CED', u li dawn il-kummissjonijiet kellhom jitħallsu fil-'Conto Master 513'. Ix-xhud kompla jispjega kif mill-2011 'il quddiem, is-soċjetà attriċi ġiet inkarigata biex tippromwovi l-prodotti u servizzi tas-soċjetà konvenuta fit-territorju Sqalli, u biex issib stabbilimenti u/jew aġenti li kienu interessati jippromwovu n-negozju tas-soċjetà konvenuta. Qal li anki fit-twettiq ta' dan l-

[24] *A fol.* 457 tal-proċess.

inkarigu ta' natura promozzjonali, is-soċjetà attriċi daħlet fi spejjeż sostanzjali. Kompla jispjega kif is-soċjetà konvenuta kkonkludiet għadd ta' ftehim ma' CEDs varji, u permezz tal-kuntratti li ffirmat ma' dawn iċ-CEDs daħlet responsabbli għall-akkwist u l-forniment liċ-CEDs li kkontrattat magħhom, tal-materjal promozzjonali kollu mitlub u tal-arredament ta' dawn l-istabbilimenti, għalkemm għal raġunijiet ta' prattiċità, u peress li s-soċjetà konvenuta kienet ibbażata f'Malta u s-soċjetà attriċi kellha s-sede tagħha fi Sqallija, kien ġie maqbul bejn il-partijiet fil-kawża li s-soċjetà attriċi kellha tkun hi li tieħu ħsieb twettaq dawn l-obbligi. Ix-xhud qal li dan l-arranġament żviluppa mir-rapport ta' fiduċja li l-partijiet kienu kkultivaw tul is-snin, tant li s-soċjetà attriċi dejjem emmnet li kienet ser tiġi rimborżata għall-ispejjeż kollha li kienet qiegħda tagħmel. Kompla jgħid li fis-6 ta' Novembru, 2013 kienet saret laqgħa f'Malta bejn il-partijiet, fejn kien hemm qbil li għandhom isiru modifiki għall-Ftehim Kummerċjali. Qal ukoll li sa dakinhar il-partijiet kellhom relazzjoni tajba bejniethom, minkejja li s-soċjetà attriċi ma kinitx tħallset għal xi spejjeż li saru b'rabta mal-arredament ta' xi CEDs. Kompla jgħid li f'dik il-laqgħa, is-soċjetà attriċi kienet qablet li tħallas l-ammont ta' €76,000 sabiex tiggarantixxi d-depożitu kawzjonali ta' kull CED ġdid li s-soċjetà konvenuta kienet ser tidħol fi ftehim miegħu.

Ix-xhud kompla jispjega kif jum fost l-oħrajn, fit-13 ta' Jannar, 2014, u mingħajr ebda preavviż, is-soċjetà konvenuta kienet bagħtet tinforma lis-soċjetà attriċi li ma kienx għadu possibbli għaliha li tħallas kummissjoni bir-rata ta' ħamsin fil-mija (50%) u li minflok ir-rata ta' kummissjoni mħallsa kienet ser tiġi riveduta għal ħmistax fil-mija (15%). Qal ukoll li wara din il-komunikazzjoni, is-soċjetà attriċi bdiet tinnota movimenti mhux tas-soltu fil-

krediti tal-*'Conto Master'* u s-soċjetà konvenuta bdiet tieħu minn dan il-kont kummissjonijiet li qatt ma kien hemm ftehim dwarhom bejn il-partijiet. Qal li mill-qligħ iġġenerat mis-soċjetà konvenuta, u wara t-tnaqqis ta' ħlasijiet li jsiru lill-aġenti ta' kull ġimgħa u spejjeż oħra marbuta mat-tmexxija tan-negozju, ġie stabbilit li l-kummissjoni mhux akkreditata fil-kont tas-soċjetà attriċi kienet ta' €124,525.58. Spjega wkoll kif bejn Jannar u Mejju tal-2014, is-soċjetà konvenuta ġibdet minn dan il-kont l-ekwivalenti ta' €218,511.36, mingħajr ma kienet awtorizzata tagħmel dan mis-soċjetà attriċi. Qal ukoll li f'dan l-istess perijodu s-soċjetà konvenuta kienet unilateralment iddeċidiet li ttemm ir-relazzjoni li kellha ma' 67 minn 127 CED li fir-rigward tagħhom kienu saru spejjeż sinifikanti da parti tas-soċjetà attriċi, liema spejjeż ġew ikkwantifikati fis-somma ta' €238,000. Ix-xhud qal li dawn l-ispejjeż saru mhux biss biex ġew arredati is-CEDs, iżda wkoll sabiex ġew impjegati għadd ta' persuni sabiex jagħtu l-assistenza u jwettqu l-ħidma neċessarja, u li dan kollu kkontribwixxa għal aktar telf soffert mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud temm jgħid li wara Mejju 2014 kull relazzjoni kummerċjali li kellhom bejniethom il-partijiet sfat fix-xejn, tant li kellhom jinbdew dawn il-proċeduri.

Fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2015 xehed **Pietro Giacolone**[25], li qal li hu wieħed mis-soċji fis-soċjetà attriċi, u li waħda mill-attivitajiet ewlenin li twettaq is-soċjetà attriċi hi li tfittex persuni li jkunu jixtiequ joffru servizzi bħala CEDs u tqegħedhom f'kuntatt ma' soċjetajiet bħas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li hu għandu wkoll CED tiegħu li hu jiġġestixxi f'ismu, li wkoll tagħti servizzi lis-soċjetà konvenuta. Qal li t-tranżazzjonijiet fil-*'Conto Master'* setgħu jsiru biss mis-soċjetà konvenuta, imma dawn setgħu jsiru biss bl-awtorizzazzjoni tas-

[25] *A fol.* 475 tal-proċess.

soċjetà attriċi, u li l-bilanċi ddepożitati f'dan il-kont kienu jappartjenu lid-diversi CEDs li kienet taħdem magħhom is-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-ewwel kwistjoni bejn il-partijiet inqalgħet lejn l-aħħar tas-sena 2013 meta għadd ta' CEDs talbu li jiġu akkreditati sabiex ikunu jistgħu jħallsu lill-utenti tagħhom. Qal li f'Novembru ta' dik is-sena saru modifiki għall-ftehim kummerċjali li kellhom bejniethom il-partijiet, filwaqt li fil-bidu tas-sena 2014 kienet intbagħtet *email* mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi, li permezz tagħha din ġiet mgħarrfa li r-rata ta' kummissjoni kienet qiegħda tiġi riveduta minn 50% għal 15% *(recte)*. Qal li dan kollu ma kienx aċċettabbli u ma ġiex aċċettat mis-soċjetà attriċi, għalkemm is-sitwazzjoni tawwlet tant li lejn l-aħħar ta' April is-soċjetà attriċi kienet irċeviet *email* permezz ta' liema ġiet mgħarrfa li minn dakinhar 'il quddiem hi ma kinitx għadha tirrappreżenta lis-soċjetà konvenuta, tant li anki l-kontijiet taċ-CEDs u tal-utenti kollha ġew imblukkati, u s-soċjetà konvenuta riedet li l-partijiet jiffirmaw ftehim kummerċjali ġdid bejniethom. Ix-xhud qal li meta ġara dan kollu, is-soċjetà konvenuta għalqet il-kontijiet kollha li kellha mal-attriċi. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li l-ftehim li kellu mas-soċjetà konvenuta fil-kapaċità tiegħu ta' direttur ta' CED, ukoll ġie tterminat f'April tal-2014, flimkien mal-ftehim li s-soċjetà konvenuta kellha ma' għadd ta' CEDs oħra. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk kienx il-każ li l-ispejjeż kollha inkorsi mis-soċjetà attriċi kienu awtorizzati mis-soċjetà konvenuta, u dan b'konformità mal-klawsola numru 11 tal-ftehim bejn il-partijiet, ix-xhud wieġeb li bil-miktub ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni bħal din, għalkemm kien hemm ftehim verbali dwar xi attrezzaturi għall-istabbilimenti li kienu ser joperaw minnhom iċ-CEDs. Ix-xhud qal li minkejja li ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni bil-miktub da parti tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ntalbet tagħmel

xi spejjeż, madanakollu dejjem kien hemm awtorizzazzjoni verbali, u s-soċjetà konvenuta kienet tkun mgħarrfa b'dawn l-ispejjeż. Qal li bejn il-partijiet kienet żviluppat relazzjoni ta' fiduċja peress li kienu kkollaboraw flimkien għal għadd ta' snin, u għalhekk tali awtorizzazzjoni bil-miktub ma kienx hemm insistenza fuqha da parti tas-soċjetà attriċi. Mistoqsi jekk hux familjari mar-rekwiżiti imposti mil-liġi Taljana, partikolarment 'l hekk imsejjaħ l-artikolu 88 'T.U.L.P.S.', ix-xhud wieġeb fl-affermattiv, għalkemm qal li ma kienx jaf li l-parti l-kbira taċ-CEDs li ngħalqu kienu qegħdin joperaw mingħajr liċenzja. Ix-xhud qal li ma kienx kompitu tas-soċjetà attriċi li tassisti lid-diversi CEDs jiksbu liċenzja biex joperaw, u li ladarba kienet is-soċjetà konvenuta li kienet tiffirma l-ftehim maċ-CEDs, kellha tkun hi li tassigura li dawn kellhom liċenzja biex joperaw.

Fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2015 sar il-kontroeżami ta' **Pietro Giacolone**[26], li qal li s-soċjetà attriċi kienet talbet b'mod verbali rimbors għall-ispejjeż li saru minnha fid-diversi stabbilimenti taċ-CEDs, għalkemm qatt ma saru taħdidiet formali dwar dan jew intbagħtet xi korrispondenza. Qal li dan qatt ma sar minħabba li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet ibbażata fuq il-fiduċja tal-partijiet. Ix-xhud qal li oriġinarjament ir-rwol tas-soċjetà attriċi kellu jkun dak ta' *promoter,* xogħol deskritt minnu bħala,

> *"Noi dovevamo individuare il CED, farli il contratto, raccolgliere le punte azione e mandare tutto all'azienda."*

Qal li ta' dan ix-xogħol is-soċjetà attriċi kienet tirċievi kummissjoni direttament fil-'*Conto Master*' tal-partijiet, u li għalhekk l-attriċi kellha interess partikolari fl-attività li kienet issir miċ-CEDs b'mod individwali. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk

[26] *A fol.* 482 tal-proċess.

hux il-każ li ladarba r-relazzjoni kummerċjali li kellhom bejniethom il-partijiet sfaxxat fix-xejn, dan kienx ifisser li anki r-relazzjoni li kellhom iċ-CEDs mas-soċjetà konvenuta sfaxxat fix-xejn, u x-xhud wieġeb li hekk kien ġara, u li wħud minn dawn iċ-ċentri ngħalqu mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li minkejja li bosta miċ-CEDs kienu ġew offruti proposta ta' kuntratt ġdid da parti tas-soċjetà konvenuta, dawn ma kinux aċċettaw, u wħud minnhom bnew relazzjoni kummerċjali ġdida mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud ippreċiża li bħala *promoter* is-soċjetà attriċi kellha l-obbligu li tindividwa ċ-CEDs u tiġbor id-dokumenti neċessarji. Ix-xhud qal li ma kienx obbligu tas-soċjetà attriċi li tassigura li tali dokumenti kienu validi, jew li tivverifika jekk iċ-CEDs li ressqet lejn is-soċjetà konvenuta kellhomx liċenzja biex joperaw jew le. Ix-xhud kompla jispeċifika li x-xogħol tas-soċjetà attriċi kien jieqaf hekk kif isir it-tlaqqigħ taċ-CEDs mas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud esebixxa kopja tal-kuntratt li ġie ffirmat bejn Pietro Giacolone bħala CED u s-soċjetà konvenuta. Kompla jgħid li wara li s-soċjetà attriċi kienet tintroduċi ċ-CED partikolari lis-soċjetà konvenuta, kien jiġi ffirmat kuntratt bejn dan iċ-CED u CenturionBet, u li minn dak il-punt 'il quddiem kien sta għaċ-CED li tirranġa l-istabbiliment tagħha, għalkemm fil-verità kien jiġri li dan ix-xogħol ta' rinnovazzjoni kien isir mis-soċjetà attriċi bl-awtorizzazzjoni tas-soċjetà konvenuta. Qal li dawn l-ispejjeż ma kienx hemm provvediment speċifiku għalihom taħt il-ftehim li kien sar bejn il-partijiet. Kompla jgħid li hu għamel ħlas ta' depożitu kawzjonali lis-soċjetà konvenuta kemm bħala CED kif ukoll f'isem għadd ta' CEDs li hu ressaq lejn is-soċjetà konvenuta, liema depożitu kawzjonali qatt ma reġa' tħallas lura lis-soċjetà attriċi.

Lix-xhud sarlu riferiment għall-klawsola 13 tal-kuntratt iffirmat bejn iċ-CEDs individwali u s-soċjetà konvenuta, liema klawsola tobbliga liċ-CEDs jarredaw l-istabbiliment tagħhom skont l-indikazzjonijiet mogħtija lilhom mis-soċjetà konvenuta, kif ukoll għall-klawsola 15 tal-istess ftehim, li tgħid li ċ-CEDs għandhom responsabbilità sabiex jaraw li l-istabbiliment tagħhom jinżamm f'kundizzjoni tajba, u li jkun attrezzat b'mod adegwat. Ix-xhud qal li dan kollu kellu jsir taħt is-superviżjoni ta' persuni inkarigati għal hekk minn CenturionBet. Ix-xhud qal li l-materjal promozzjonali kellu jkun fornut mis-soċjetà CenturionBet.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat kopja tal-*'Contratto di Istituzione di Stabbilimento in Italia'* iffirmat bejn is-soċjetà konvenuta u Pietro Fabio Giacalone[27], kif ukoll għadd ta' ritratti[28] li juru l-mod kif stabbiliment tipiku ta' Bet1128 ġie arredat.

Fl-udjenza tat-18 ta' Marzu, 2015 xehed **Michele Giacolone**[29], li qal li hu amministratur tas-soċjetà attriċi, filwaqt li spjega li r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet fil-kawża kienet regolata minn żewġ ftehim separati. Spjega wkoll ix-xogħol li kienet tagħmel is-soċjetà attriċi sakemm kienet tlaqqa' liċ-CEDs individwali mas-soċjetà konvenuta, kif ukoll l-assistenza li kienet tingħata mis-soċjetà attriċi sakemm ikun hemm l-introduzzjoni taċ-CED mas-soċjetà konvenuta, u x-xogħol li kien isir wara. Ix-xhud saħaq li minkejja li s-soċjetà attriċi kienet għamlet diversi spejjeż sabiex tassigura li ċ-CEDs kellhom il-materjal biex jaħdmu, dawn l-ispejjeż ma ġewx rimborsati lilha. Ix-xhud sostna li d-deċiżjoni li l-kummissjoni tas-soċjetà attriċi titnaqqas minn 50% għal 15%

[27] *A fol.* 489 tal-proċess.
[28] *A fol.* 499 tal-proċess.
[29] *A fol.* 517 tal-proċess.

ittieħdet b'mod arbitrarju mis-soċjetà konvenuta, u f'dan il-perijodu partikolari li kienu għaddejjin minnu l-partijiet, is-soċjetà attriċi bdiet tinnota ċerti movimenti fil-'*Conto Master*' da parti tas-soċjetà konvenuta, li ma kinux awtorizzati mis-soċjetà attriċi.

Fl-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2015 xehed **Antonio Buontempo**[30], direttur tas-soċjetà attriċi, li qal li l-'*Contratto di Mandato'* kien iffirmat bejn il-partijiet fil-kawża. Hu spjega li l-inkarigu tas-soċjetà attriċi kien li ssib persuni disposti li jagħmlu negozju fis-settur tal-logħob mas-soċjetà konvenuta, u li din kienet twassalhom għal ftehim mas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-klawsola numru 3 ta' dan il-kuntratt[31] tispeċifika wkoll li s-soċjetà attriċi għandha tassisti lil dawn l-individwi javvjaw l-istabbiliment tagħhom b'mod li jkunu jistgħu joperaw. Ix-xhud qal li kien hemm ftehim kummerċjali ieħor bejn il-partijiet li jirregola l-modalità li biha għandha titħallas is-soċjetà attriċi għax-xogħol tagħha. Ix-xhud qal li ma kien hemm l-ebda punt li fih is-soċjetà attriċi setgħet tgħid li x-xogħol tagħha kien lest, u spjega:

> *"Perché lui percepisce un retribuzione da quel negozio. Quindi è sempre lui responsabile. Quindi essendo lui il promoter sul territorio deve anche verificare che questo negozio lavori bene e non abbia altre situazioni all'interno. Deve ovunque seguire. Non è che nasce e poi lo lascia li e percepisce una commissione."*

B'riferiment għall-Artikolu 3 tal-'*Contratto di Mandato',* ix-xhud spjega li mhux minnu li r-rwol tas-soċjetà attriċi kien jieqaf hekk kif jinstab stabbiliment jew CED fit-territorju Taljan u dan jitlaqqa' mas-soċjetà konvenuta, tant li qal li

[30] *A fol.* 536 tal-proċess.

[31] *'Il mandatario dovrà esaminare i nominativi indicati del Mandante, visionare i locali destinati all'avvio dello Stabilimento, assumere informazioni e riferire al Mandante in ordine all'affidabilità, alla solvibilità, alla moralità e alle ulteriori notizie utili all'avvio di un rapporto.'*

f'dak l-istadju, ix-xogħol tas-soċjetà attriċi kien ikun għadu ser jibda. Qal li s-soċjetà attriċi kellha obbligu ssegwi dak li kien qiegħed isir miċ-CEDs fir-rigward tas-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li r-relazzjoni kummerċjali bejn iċ-CEDs individwali u s-soċjetà konvenuta kienet regolata minn kuntratt ieħor li kien jiġi ffirmat bejniethom. Ix-xhud qal li b'kollox infetħu aktar minn mija u għoxrin stabbiliment ta' dan it-tip, u filwaqt li kull CED kien responsabbli għall-arredament tal-istabbiliment tiegħu b'mod li jkun jista' jwettaq l-attività ekonomika li daħal għaliha, is-soċjetà konvenuta CenturionBet kellha l-obbligu li toffri assistenza, informazzjoni u appoġġ lil dawn l-istabbilimenti. Ix-xhud ikkonferma li skont il-ftehim kummerċjali li kien hemm bejn il-partijiet fil-kawża, is-soċjetà attriċi kellha jedd għal 50% mill-qligħ li kienet tiġġenera s-soċjetà konvenuta, u li dan l-ammont kien jinkludi fih rimbors għal spejjeż li s-soċjetà attriċi kienet tagħmel b'rabta mal-pubblikazzjoni ta' materjal pubbliċitarju u spejjeż anċillari oħra sabiex is-CEDs setgħu jiffunzjonaw bl-aħjar mod.

Ix-xhud kompla jagħti d-depożizzjoni tiegħu fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju, 2015[32], fejn qal li hu kien ilu involut mas-soċjetà konvenuta sa mis-sena 2011. Lix-xhud sarlu riferiment għal-lista ta' stabbilimenti li ngħalqu (*a fol.* 408 tal-proċess), u dan qal li wħud minnhom kienu għalqu minħabba li ma kienu qegħdin iwettqu l-ebda attività kummerċjali, filwaqt li oħrajn ingħalqu minħabba nuqqas ta' konformità mal-liġi Taljana ċjoé l-artikolu 88 T.U.L.P.S.[33] Ix-xhud spjega li kull stabbiliment miftuħ qabel l-2012 u li ma kienx jikkonforma ma' din il-liġi kellu jirregola ruħu, u li wara li ddaħħlet din il-liġi,

[32] *A fol.* 544 tal-proċess.
[33] Dan ir-rekwiżit tal-liġi Taljana ġie deskritt mix-xhud bħala '*Una richiesta che serve in Italia per poter operare. Per poter fare questo lavoro. Pratticamente un richiesta di pubblica sicurezza che viene presentata alla questura competente e la questura competente analizza il sogetto alla capacità morale che non ha precedenti per poter effetuare questo lavoro qua."*

kull stabbiliment li ma kienx in regola ma kienx jingħata liċenzja biex jopera. Ix-xhud qal li qabel dawn l-istabbilimenti ngħalqu minħabba nuqqas ta' konformità mal-liġi jew minħabba li ma kienu qegħdin iwettqu l-ebda attività ekonomika, is-soċjetà attriċi kienet ġiet infurmata bil-miktub li dawn kienu ser jingħalqu, minħabba li din kienet responsabbli għall-attivitajiet tagħhom. Ix-xhud intalab jippreżenta *accounts* fir-rigward ta' dawk l-istabbilimenti li hu allega li ngħalqu minħabba li ma kellhom l-ebda attività kummerċjali. Hu qal ukoll li d-*due diligence* fir-rigward tad-dokumenti prodotti miċ-CEDs kienet issir mis-soċjetà konvenuta, għalkemm parti mill-inkarigu li kellha s-soċjetà attriċi kien li tassigura li jinkisbu dawn id-dokumenti. Ix-xhud qal li wara li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li r-rata ta' kummissjoni tagħha kienet ser tiġi riveduta minn 50% għal 15%, hu kien iltaqa' ma' rappreżentant tas-soċjetà attriċi u kienu ftiehmu li r-rata ta' 15% għandha titla' għal 20%. Ix-xhud qal li l-kummissjoni bir-rata ta' 20% kienet ġiet aċċettata mis-soċjetà attriċi u li l-kummissjonijiet b'din ir-rata li kienu tpoġġew fil-kont tal-attriċi kienu ġew prelevati u użati minnha. Ix-xhud ikkonferma wkoll li r-rata ta' kummissjoni ta' 20% kienet waħda definittiva u ma kienx hemm il-ħsieb li tiġi riveduta da parti tas-soċjetà konvenuta. Qal ukoll li hu kien talab lis-soċjetà attriċi tersaq għall-iffirmar ta' ftehim kummerċjali ġdid bejn il-partijiet, u meta dan ma seħħx, hu ddeċieda li jinforma lis-soċjetà attriċi bil-bdil fir-rata ta' kummissjoni li kienet ser titħallas lilha.

Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2015 sar il-kontroeżami ta' Antonio Buontempo[34], li ppreżenta għadd ta' dokumenti sabiex jipprova li kien hemm diversi stabbilimenti li ma kienu qegħdin jagħmlu l-ebda profitt jew saħansitra

[34] *A fol*. 559 tal-proċess.

ma kienet qiegħda tiġi rreġistrata l-ebda attività ekonomika fihom.[35] Antonio Buontempo kompla jiddeponi fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2015[36], fejn esebixxa estratt minn dokument li jindika l-movimenti li kien hemm fil-*Conto Master 513.*[37] Permezz ta' nota ulterjuri, ix-xhud, fil-kapaċità tiegħu ta' direttur tas-soċjetà konvenuta, ippreżenta għadd ta' dokumenti li jindikaw liema stabbilimenti CED kellhom jingħalqu minħabba li ma kinux konformi mal-liġi T.U.L.P.S., bid-data tal-ftuħ u tal-għeluq tagħhom, kif ukoll it-*turnover* tagħhom fil-perijodu operattiv tagħhom.[38]

Fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2016 xehed **Davide Asaro**[39], li qal li hu imprenditur fil-qasam tas-swali tal-logħob fl-Italja, u li bħala tali hu kellu kuntratt mas-soċjetà konvenuta.[40] Ix-xhud qal li hu kien ġie introdott mas-soċjetà konvenuta mis-soċjetà attriċi, li kienet anki ħejjietlu d-dokumentazzjoni biex seta' jiftaħ iċ-CED tiegħu, u kienet anki fornietlu l-materjal promozzjonali meħtieġ, bħat-tabella tal-istabbiliment, u materjal simili. Qal li tul il-ħames snin li dam jopera, il-kuntatt dirett li kellu għall-ħtiġijiet tan-negozju tiegħu kien dejjem mas-soċjetà attriċi, u fil-bidu hu seta' jaħdem b'mod trankwill u kollox kien jidher li sejjer tajjeb. Madanakollu jum fost l-oħrajn kien sab li bħala operatur, is-sit tiegħu kien ġie mblukkat u li ma setax jopera għal madwar tlett ijiem. Qal li s-soċjetà konvenuta kienet infurmatu li jew jaħdem magħha, jew inkella kien ser jingħalaqlu l-operat, filwaqt li s-soċjetà konvenuta wriet l-intenzjoni li telimina lis-soċjetà attriċi mir-rwol li din kellha:

---

[35] *A fol.* 562 *et seq* tal-proċess.
[36] *A fol.* 584 tal-proċess.
[37] *A fol*. 589 *et seq.* tal-proċess.
[38] *A fol.* 616 *et seq.* tal-proċess.
[39] *A fol*. 620 tal-proċess.
[40] Esebit *a fol*. 628 tal-proċess.

*"Mi hanno chiamato e mi hanno detto se volevo continuare i rapporti con loro o se no continuavo il rapporto con la Jacky System. Se quindi non lavorare piú con loro e questo."*

Qal li meta s-soċjetà konvenuta għalqitlu l-operat, hu lanqas ma tħallas dak li kien dovut lilu. Ix-xhud qal li ma kienx minnu dak li xehed Antonio Buontempo meta dan qal li l-parti l-kbira tal-istabbilimenti kienu ngħalqu minħabba nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 88 T.U.L.P.S. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li minkejja li bħala CED hu kien iffirma kuntratt mas-soċjetà konvenuta, madanakollu l-kopja ta' tali kuntratt kien tahielu rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li l-istabbiliment minn fejn kien jopera ġie arredat minnu, filwaqt li l-materjal pubbliċitarju ġie fornut lilu mis-soċjetà attriċi. Kompla jgħid li l-ħlas lilu dejjem kien isir mis-soċjetà konvenuta, filwaqt li lejn l-aħħar tar-relazzjoni kummerċjali li dawn kellhom bejniethom, kien hemm problemi biex hu jirċievi dak kollu li kien dovut lilu.

Fl-udjenza tad-29 ta' Jannar, 2016 xehed **Alberto Lombardo**[41], li wkoll qal li hu imprenditur fil-qasam tas-swali tal-logħob fl-Italja. Hu qal li kien sar jaf bis-soċjetà konvenuta fis-sena 2009, wara li ġie introdott magħha mis-soċjetà attriċi. Qal li ftit wara hu kien akkwista l-kapital meħtieġ biex seta' jibda l-attività kummerċjali tiegħu. Qal li wara li kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta għal madwar tlieta jew erba' snin, jum fost l-oħrajn hu mar biex jibda l-ġurnata tax-xogħol tiegħu, u kien sab il-kontijiet tiegħu imblukkati, b'mod li ma setax jopera. Qal li hu qatt ma ngħata r-raġuni mis-soċjetà konvenuta għaliex kien ġara hekk. Ix-xhud ikkonferma li l-ħlasijiet lilu għax-xogħol li kien jagħmel, kienu jsiru mis-soċjetà konvenuta.

[41] *A fol.* 640 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed **Antonio Gandolfo**[42], li xehed li hu responsabbli mill-pubbliċità tax-xogħol li tagħmel is-soċjetà attriċi. Qal li hu personalment kien sab madwar għoxrin CED għal BET1128, għalkemm illum il-ġurnata dawn m'għadhomx jaħdmu aktar mas-soċjetà konvenuta, u dan wara li kien hemm diżgwid bejn Jacky System u CenturionBet.

Fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2016 reġa' xehed Antonio Buontempo[43], li sarlu riferiment għad-dokumentazzjoni ppreżentata minnu f'udjenzi preċedenti. Ix-xhud irrefera għal-lista ta' stabbilimenti magħluqa fl-2013, u qal li d-deċiżjoni tas-soċjetà konvenuta li tagħlaq dawn l-istabbilimenti kienet ġiet komunikata lis-soċjetà attriċi, u li dawn kienu ngħalqu minħabba nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 88 T.U.L.P.S. B'riferiment għax-xhieda ta' Asaro u ta' Lombardo mogħtija f'udjenzi preċedenti, ix-xhud qal li ma kinitx is-soċjetà konvenuta li għarrfithom li kienu ser jingħalqu, iżda kienu huma li ddeċidew li jitterminaw ir-relazzjoni mas-soċjetà konvenuta wara n-nuqqas ta' qbil li din kellha mas-soċjetà attriċi. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk kienx sar rapport lill-MGA fir-rigward ta' dawk il-kontijiet li kienu jidhru inattivati, iżda dan wieġeb li ma setax jiftakar liema kienu l-kontijiet li fir-rigward tagħhom kien hemm ħtieġa li jsir rapport lill-MGA.

Is-soċjetà konvenuta esebiet għadd ta' dokumenti permezz ta' nota, sabiex tipprova li kien hemm stabbilimenti operati mix-xhieda Asaro u Lombardo li kienu għadhom attivi wara li ġiet itterminata r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet f'din il-kawża[44], *email* mibgħuta minnha lill-operaturi tal-

[42] *A fol.* 646 tal-proċess.
[43] *A fol.* 665 tal-proċess.
[44] *A fol.* 673 tal-proċess.

istabbilimenti li kienu għadhom attivi sabiex dawn jikkuntattjaw lis-soċjetà konvenuta għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet il-ġodda proposti minnha[45], u dettalji ta' dawn l-istess operaturi, lista ta' dawk l-operaturi li kienu għadhom attivi wara li ġiet itterminata r-relazzjoni kummerċjali bejn il-kontendenti, u dokumentazzjoni li turi li l-kummissjonijiet dovuti lil Davide Asaro għal April tal-2014, kienu tħallsu lilu.[46]

Fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2016, kompla l-kontroeżami ta' Antonio Buontempo[47], li qal li wara li ntemmet ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-kontendenti, kienet intbagħet *email* liċ-CEDs attivi kollha, sabiex dawn jagħmlu kuntatt mal-konvenuta minħabba li kien maħsub li jkun hemm ftehim kummerċjali ġdid maċ-CEDs li kienu għadhom attivi. Ix-xhud qal li ma kien hemm l-ebda theddid jew l-impożizzjoni ta' għażla bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta. B'riferiment għax-xhieda ta' Asaro li qal li l-kontijiet tiegħu ġew imblukkati għal madwar tlett ijiem, ix-xhud qal li:

> *"Non ricordo se il conto è stato bloccato però c'erano delle operazioni di credito da effettuare con la Jacky System. Puó essere che i conti sono stati temporaniamente messi li fermi e di consentire di continuare ad avere delle operazioni prima di contattarli perché comunque questi negozi avevano un credito che era garantito dalla Jacky System. Non essendo piú la Jacky System era normale che questi qua potevano consumare questo credito e la compagnia non era garantita da nessuno quindi era per questo che serviva un po fermare qualcuna attività."*

Antonio Buontempo xehed ukoll permezz ta' *affidavit*[48] fejn qal li oriġinarjament hu kien impjegat mas-soċjetà konvenuta CenturionBet Limited bħala *Manager Odds and Risk,* u li sussegwentement hu ġie maħtur bħala

---

[45] *A fol.* 674 tal-proċess.
[46] *A fol.* 677 tal-proċess.
[47] *A fol.* 686 tal-proċess.
[48] *A fol.* 735 tal-proċess.

wieħed mid-diretturi tal-istess kumpannija. Qal li r-relazzjoni ma' Michele Giacalone bdiet fl-2011, u li l-ftehim oriġinali li s-soċjetà konvenuta laħqet mas-soċjetà attriċi kien ġie miftiehem direttament ma' Michele Giacalone. Il-ftehim kien li Jacky System kellha tkun rappreżentanta ta' CenturionBet fl-Italja, sabiex tippromwovi l-prodott ewlieni tagħha, is-sit Bet1128.com, u sabiex tattira individwi u negozji żgħar li xtaqu jiftħu negozju tal-logħob fl-Italja bħala CTDs u CEDs. JackySystem kellha tkun responsabbli wkoll sabiex tassisti lil dawn iċ-CTDs u CEDs mil-lat amministrattiv fir-rigward tal-ftuħ tal-istabbiliment tagħhom, sabiex tagħti pariri lill-operaturi dwar tagħmir li kellhom jużaw fl-istabbilimenti tagħhom, u sabiex tassigura li l-operaturi josservaw ir-regoli stabbiliti mis-soċjetà konvenuta.

Antonio Buontempo spjega li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet regolata minn żewġ ftehim, il-*'Contratto di Mandato'* u l-*'Accordo Commerciale'.* Spjega li l-*'Contratto di Mandato'* ma jaħseb għall-ebda tip ta' rimunerazzjoni li għandha titħallas mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi, u li huwa biss wara l-introduzzjoni ta' persuna jew stabbiliment li attwalment tiftaħ stabbiliment tal-logħob taħt il-marka BET1128.com li jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet li jipprovdu għall-ħlas lis-soċjetà attriċi taħt l-*'Accordo Commerciale'.*[49] Spjega kif il-*'Contratto di Mandato'* kien maħsub biex jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, bi klawsoli li jistipulaw li s-soċjetà attriċi m'għandhiex tingaġġja f'attivitajiet li jkunu jikkompetu ma' dawk tas-soċjetà konvenuta, u bl-Artikolu 11 tal-kuntratt jistipula li l-ispejjeż inkorsi fit-twettiq tal-mandat mogħti lis-soċjetà attriċi għandhom jiġu sopportati

[49] Fi kliem ix-xhud, *"... no remuneration would be due for the initial phase of promoting CenturionBet's product, and identifying potential operators of gaming establishments. A commission would only apply on the bets effected by the gaming establishment, which would necessarily mean that the gaming establishment would have become operative."*

minnha, bl-eċċezzjoni ta' dawk l-ispejjeż awtorizzati espressament mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li Giacalone qatt ma bagħatlu xi forma ta' korrispondenza li permezz tagħha talbu ħlas għal dawn l-ispejjeż, u minflok kien jibgħat diversi ritratti li juru l-inawgurazzjoni tad-diversi stabbilimenti tal-logħob li kienu qegħdin jinfetħu fl-Italja. Kompla jgħid li n-natura tal-korrispondenza li kien jibgħatlu Giacalone ma kinitx tindika li dan kien qiegħed jippretendi li hu kreditur tas-soċjetà konvenuta, tant li darba minnhom saħansitra kien introduċa lis-soċjetà konvenuta ma' persuna interessata li tibda topera minn Napli, u darba oħra kien talab sponsorizzazzjoni għal avveniment li sar f'San Marino. Il-ħlasijiet kollha dovuti lis-soċjetà attriċi kienu maħsuba fl-*'Accordo Commerciale'*. L-Artikolu 10 ta' dan il-ftehim jipprovdi għar-rimbors ta' spejjeż minfuqa wara li jiġu ppreżentati rċevuti fiskali. Ix-xhud irrefera għax-xhieda ta' Davide Asaro, li xehed li kien hu li ħa ħsieb jagħmel l-ispejjeż marbuta mal-arredament u t-tlestija tal-istabbiliment tiegħu, u qal li f'dan ir-rigward il-pretensjoni tal-attriċi għall-ħlas lilha tal-ammont ta' €238,000 mhix fondata, stante li l-ftehim li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet imkien ma jaħseb għal dan. Ix-xhud qal li filwaqt li l-*'Contratto di Mandato'* jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet sakemm jibda jopera l-istabbiliment kummerċjali partikolari, l-*'Accordo Commerciale'* jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet wara li l-istabbiliment partikolari jibda jopera. Ix-xhud spjega li l-*'Accordo Commerciale'* ma jipprovdix għal terminu ta' validità tal-ftehim, jew klawsola għar-rexxissjoni tal-kuntratt. Qal ukoll li dan il-ftehim jistabbilixxi r-rata ta' ħlas ta' kummissjonijiet li kellhom jitħallsu. Ix-xhud qal li l-*'Accordo Commerciale'* ffirmat fl-2013 jistipula li s-soċjetà attriċi għandha tħallas depożitu kawzjonali ta' €76,000 lil CenturionBet għat-twettiq tal-obbligi kontrattwali tagħha. Qal ukoll li s-soċjetà attriċi qatt ma ppreżentat

xi rċevuta jew talbet lis-soċjetà konvenuta tersaq għall-iffirmar ta' kostituzzjoni ta' debitu fir-rigward tal-ammonti li llum tippretendi li għandhom jitħallsu lilha. Ix-xhud kompla jgħid li fl-2012 is-soċjetà konvenuta ġiet a konjizzjoni ta' rekwiżit legali ġdid taħt is-sistema Taljana, l-Artikolu 88 T.U.L.P.S., li għandhom jikkonformaw miegħu stabbilimenti tal-logħob ġodda li jinfetħu.[50] Qal li s-soċjetà konvenuta ma kellha l-ebda għażla għajr li tagħlaq dawk l-istabbilimenti li ma kinux konformi ma' dan l-artikolu tal-liġi. Qal li fit-23 ta' Settembru, 2013 għadd ta' stabbilimenti kienu ġew infurmati li ser jitwaqqaf l-operat tagħhom, filwaqt li oħrajn ġew infurmati b'dan fis-7 ta' Ottubru, 2013. Qal li kien hemm għadd ta' stabbilimenti li talbu konċessjoni ta' żmien sabiex ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom, u li dan kollu jindika li s-soċjetà attriċi kienet taf li kien hemm nuqqasijiet fir-rigward tal-konformità mal-Artikolu 88 T.U.L.P.S.[51] Qal li f'Jannar 2014 is-soċjetà konvenuta kienet ħadet id-deċiżjoni li timmodifika r-rata ta' kummissjoni li kienet qiegħda tħallas, liema tnaqqis iżda kien jaħseb ukoll għall-ħlas tat-taxxa mis-soċjetà konvenuta, filwaqt li meta r-rata ta' kummissjoni kienet ta' 50%, it-taxxa riedet titħallas mis-soċjetà attriċi.[52] Ix-xhud qal li fi Frar tal-2014 huwa kien iltaqa' ma' Michele Giacalone f'fiera f'Londra, fejn kienet ġiet diskussa r-rata ta' kummissjoni, u kien ġie miftiehem li fil-konfront tas-soċjetà attriċi, ir-rata kellha tiżdied b'5%, minn 15% għal 20%. Ix-xhud żied jgħid li fl-10 ta' Marzu, 2014 Michele Giacalone kien mar fl-uffiċini tas-soċjetà konvenuta fejn ilmenta dwar il-fatt li hu kien tħallas rata ta' kummissjoni ta' 15%, u dakinhar kienet ittieħdet deċiżjoni li l-kont tiegħu jiġi akkreditat bid-differenza, li kienet ekwivalenti għal €20,248, liema ammont ittieħed mill-kont minn Giacalone.[53]

[50] *A fol.* 747 tal-proċess.
[51] *A fol.* 766 tal-proċess.
[52] *A fol.* 775 tal-proċess.
[53] *A fol.* 780 tal-proċess.

Ix-xhud kompla jgħid li kien hemm spezzjonijiet għal għarrieda li kienu saru mill-Guardia di Finanza ġewwa Sciacca u Trapani fi Sqallija, fejn kien ġie stabbilit li kien hemm għadd ta' stabbilimenti li kienu qegħdin joffru servizzi ta' kumpanniji tal-logħob oħrajn, bi ksur tal-klawsola tal-esklussività maqbula mas-soċjetà konvenuta.[54] Kien hawnhekk li s-soċjetà konvenuta kienet infurmat lil Michele Giacalone li r-relazzjoni kontrattwali bejn il-kontendenti kienet qiegħda tintemm b'effett immedjat. Ix-xhud kompla jispjega li s-soċjetà konvenuta għamlet għadd ta' trasferimenti interni sabiex tirregolarizza l-kontijiet tal-istabbilimenti tal-logħob li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbilità tas-soċjetà attriċi, u dan minħabba li kull wieħed minn dawn l-istabbilimenti kellu kont separat. Ix-xhud ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li dawn it-trasferimenti qatt ma ġew ikkontestati mis-soċjetà attriċi.[55]

Fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2016 xehed l-**avukat Vincenzo Maria Scarano**[56], li ta spjega dwar ir-rekwiżiti tal-liġi Taljana fir-rigward tal-Artikolu 88 T.U.L.P.S. u l-liċenzjar ta' stabbilimenti tal-logħob taħt l-istess liġi, bil-kontroeżami tiegħu jsir fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017.[57] Għall-mistoqsija jekk kinitx is-soċjetà konvenuta li kellha r-responsabbilità li tassigura li l-istabbilimenti li daħlu fi ftehim magħha kienu konformi mar-rekwiżiti legali kollha, ix-xhud wieġeb li s-soċjetà konvenuta kellha obbligu li tindika liema huma r-rekwiżiti legali biex wieħed jibda jopera fis-settur tal-logħob fl-Italja, u li kienu l-istabbilimenti u l-operaturi individwali li kellhom responsabbilità li jassiguraw li huma konformi mal-liġi.

---

[54] *A fol.* 782 tal-proċess.
[55] *A fol.* 805 tal-proċess.
[56] *A fol.* 808 tal-proċess.
[57] *A fol.* 815 tal-proċess.

Is-soċjetà konvenuta ppreżentat *affidavit* ulterjuri ta' Michela Pusceddu[58], li qalet li mis-sena 2013 kien obbligatorju li kull imprenditur fil-qasam tal-logħob fl-Italja jkollu '*Authorisation of License of Public Security*', li jiġi ppreżentat lill-*Questura*. Qalet li fir-rwol tagħha fil-kumpannija hi kienet bagħtet diversi avviżi lis-soċjetà attriċi sabiex tivverifika magħha jekk dan id-dokument ġiex ippreżentat miċ-CTDs kollha li ressqet is-soċjetà attriċi, u meta ma rċeviet l-ebda risposta dwar dan, is-soċjetà konvenuta kienet kostretta twaqqaf ir-relazzjonijiet ma' diversi CTDs u CEDs li ma kinux konformi mar-rekwiżiti tal-liġi. Ix-xhud ikkonfermat li f'Jannar tal-2014, il-kummissjonijiet tar-rappreżentanti kollha ġew riveduti, u li minkejja li kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu ta' 15%, fil-każ tas-soċjetà attriċi, din ir-rata kienet żdiedet b'5% oħra, għal 20%.

Ġiet ippreżentata wkoll *affidavit* ulterjuri ta' Giovanni Paolo Memola[59], li qal li fil-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-kontendenti, l-affarijiet kienu sejrin tajjeb ħafna bejniethom. Kompla jgħid li minkejja dan, is-soċjetà attriċi minn dejjem kellha għarfien tal-fatt li sabiex jinżammu attivitajiet promozzjonali, kien hemm il-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni tas-soċjetà konvenuta, li minn żmien għal żmien kienet tforni lis-soċjetà attriċi b'materjal promozzjonali sabiex jiġi distribwit fid-diversi stabbilimenti.

Il-kontroeżami ta' Giovanni Paolo Memola sar fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2017[60], li spjega li r-rapport inizjali bejn il-kontendenti kien regolat mill-'*Contratto di Mandato*' maqbul bejn iż-żewġ naħat. Qal li wara li s-soċjetà

---

[58] *A fol.* 820 tal-proċess.

[59] *A fol.* 837 tal-proċess.
[60] *A fol.* 854 tal-proċess.

attriċi taqdi l-inkarigu inizjali tagħha, dak li ssib imprendituri jew stabbilimenti u tlaqqagħhom mas-soċjetà konvenuta, ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet tiġi regolata mill-*'Accordo Commerciale'* li hu ftehim separat u distint mill-mandat. Hu ddeskriva r-rwol oriġinali tas-soċjetà attriċi li:

> *"Era un intermediario per portare i punti tramite i contatti di CTD alla CenturionBet."*

Ix-xhud spjega li l-ftehim kummerċjali kien jidħol fis-seħħ bejn il-kontendenti wara li jkun hemm il-ftuħ taċ-CTD partikolari. Qal li meta jiġi riferut stabbiliment jew imprenditur mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta, dik l-attività tiġi regolata mill-mandat mogħti lilha mis-soċjetà konvenuta, filwaqt li hekk kif jiġi ssiġillat il-ftehim bejn il-konvenuta u ċ-CTD, jidħol fis-seħħ l-ftehim kummerċjali bejn il-partijiet. Skont dan ix-xhud, is-soċjetà attriċi tkun ikkompletat ix-xogħol tagħha hekk kif tiġi attivata ċ-CTD partikolari.[61] Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà konvenuta kellha kontroll u rwol attiv sabiex teżamina d-dokumentazzjoni ppreżentata lilha u tiddeċiedi jekk għandhiex taċċetta imprenditur jew stabbiliment bħala CTD jew le.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' Michela Pusceddu[62], li qalet li s-soċjetà attriċi kienet ir-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta f'żoni fdati lilha fl-Italja, u li f'dan ir-rwol kienet tassisti liċ-CTDs fl-istess territorju. Qalet li filwaqt li Jacky System kienet tieħu ħsieb il-ġbir tad-dokumentazzjoni neċessarja, l-iċċekkjar u l-verifika tagħha kienet issir min-naħa tas-soċjetà konvenuta.

[61] Fi kliem ix-xhud, "*Non serve dire 'ho portato un CTD'. Serve nel momento in cui CTD completa tutta la documentazione necessaria per poter operare sul territorio e nel momento in cui viene attivato. Quindi, viene rispedito il contratto da Centurionbet al CTD. Allora, viene attivato il primo CTD e in quel momento la Jacky System ha portato il primo risultato.*"
[62] *A fol.* 856 tal-proċess.

Madanakollu x-xhud qalet li x-xogħol preparatorju kollu sabiex CED (jew CTD) tkun tista' tibda topera, kellu jsir miċ-CED partikolari.

Il-kontroeżami ta' Giovanni Paolo Memola tkompla fl-udjenza tal-11 ta' April, 2017[63], fejn għal darb'oħra kkonferma li l-mandat mogħti mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi kien limitat għall-introduzzjoni ta' CEDs potenzjali lis-soċjetà konvenuta, u li f'dan ir-rwol is-soċjetà attriċi kellha l-obbligu li tivverifika d-dokumentazzjoni rilevanti kollha tal-imprendituri u l-istabbilimenti li javviċinawha sabiex tiżgura li dawn huma affidabbli, solventi u ta' moralità tajba. Ikkonferma li kien kompitu taċ-CEDs individwali li jipproduċu dawn id-dokumenti. Qal li f'każ li jkun jonqos xi dokument mingħand iċ-CED partikolari, is-soċjetà konvenuta kienet tikkomunika mas-soċjetà attriċi dwar dan.[64] Ix-xhud qal li l-*Accordo Commerciale* bejn il-kontendenti jidħol fis-seħħ hekk kif l-istabbiliment partikolari jibda jopera, u żied jgħid li wara li s-soċjetà attriċi tikseb id-dokumenti relattivi mingħand iċ-CTD, din kienet tgħaddihom lis-soċjetà konvenuta, li min-naħa tagħha tiddeċiedi għandhiex taċċettahom u jekk għandhiex tibda relazzjoni kummerċjali maċ-CTD mressqa lilha. Qal li dan kollu hu regolat mill-'*Contratto di Mandato'*. Hekk kif iċ-CTD tibda topera, bejn il-kontendenti jidħol fis-seħħ l-'*Accordo Commerciale'*. Ix-xhud spjega wkoll li s-soċjetà konvenuta kellha l-fakoltà biss li tpoġġi fondi fil-*Conto Master* u mhux ukoll li tippreleva fondi minnu.

---

[63] *A fol.* 859 tal-proċess.

[64] Fi kliem ix-xhud, "*Al momento, non è un cliente della Centurionbet, quindi, non è una comunicazione diretta. Quindi, avveniva alla Jacky System, la Jacky System comunicava alla CTD. Non so, ad esempio il casellare giudiziario presentava dei carichi pendenti. Quindi, non poteva diventare CTD ma erano dei casi propri estremi perché tutta la documentazione veniva verificata già dall'ufficio della Jacky System e non veniva inviata se non fosse stata già completa.*"

Fl-istess udjenza kompla l-kontroeżami ta' Michela Pusceddu,[65] li qalet li d-deċiżjoni li jitnaqqsu l-kummissjonijiet imħallsa ttieħdet fil-konfront tar-rappreżentanti kollha tas-soċjetà konvenuta. Qalet li l-akkreditazzjoni fil-*Conto Master* issir b'mod awtomatiku mis-sistema kompjuterizzata tas-soċjetà konvenuta, u kkonfermat li s-soċjetà konvenuta ma tistax tiġbed fondi minn dan il-kont.

Fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2017 sar il-kontroeżami ta' Michele Giacalone[66], li qal li r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti kienu tali li s-soċjetà attriċi ma kinitx tillimita ruħha għal dak strettament pattwit bejniethom bil-miktub. Ix-xhud ikkonferma li hu qatt ma talab rimbors għall-ispejjeż li saru minnu mis-soċjetà konvenuta, u li qatt ma bagħat *email* jew b'xi mod talab awtorizzazzjoni għal spejjeż li jallega li saru mis-soċjetà attriċi, u dan minħabba li r-relazzjoni bejn it-tnejn kienet ibbażata fuq il-fiduċja. Ix-xhud ġie mistoqsi dwar ir-raġuni għaliex meta ntalab iħallas depożitu kawzjonali, ma ppruvax ipaċi dak l-obbligu ma' parti mill-ammonti li kellhom jitħallsu lilu mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li l-ammont ta' sitta u sebgħin elf Euro (€76,000) kien diġà fil-pussess tas-soċjetà konvenuta:

> "*La hanno trattenuta un garanzia e non si è parlato di altro o per lo meno scritto. Perché c'erano le condizioni finanziati e che erano in questa ... erano attesi che migliorassero.*"

[65] *A fol.* 866 tal-proċess.
[66] *A fol.* 891 tal-proċess.

Mistoqsi kemm irċieva flejjes f'kummissjonijiet mingħand is-soċjetà konvenuta tul l-erba' snin li s-soċjetà attriċi kellha relazzjonijiet kummerċjali magħha, ix-xhud qal li ma jafx kemm irċieva f'kummissjonijiet għalkemm qal li jista' jkun li rċieva aktar minn ħames miljun Euro.

Ix-xhud qal li parti mill-pretensjoni tas-soċjetà attriċi hija għall-ħlas ta' somma flus wara li għadd ta' CEDs ingħalqu mis-soċjetà konvenuta, u dan minkejja li hi kienet tirċievi kummissjonijiet sakemm dawn kienu operattivi, u minkejja li dawn ingħalqu jew għax ma kinux konformi mal-liġi Taljana, jew minħabba li ma kienu qegħdin jirreġistraw l-ebda attività ekonomika. Ix-xhud ċaħad li kien hemm għadd ta' CEDs fost dawk li tterminaw ir-relazzjoni mas-soċjetà konvenuta, li baqgħu jaħdmu mas-soċjetà attriċi, għalkemm qal li hu għadu involut bħala imprenditur fl-istess industrija tal-logħob.

Michele Giacalone kompla jiddeponi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018[67], fejn qal li l-ftehim bejn il-kontendenti ma kienx jispeċifika li fit-territorju Taljan kellu jkun hemm numru speċifiku ta' CEDs joperaw. Qal li s-soċjetà konvenuta kellha d-dritt li tiftaħ jew tagħlaq iċ-CEDs riferuti lilha, għalkemm qal li feġġet problema meta din bdiet tagħlaq għadd ta' ċentri mingħajr raġuni valida, u dan wara li s-soċjetà attriċi kienet investiet ħin u flejjes sabiex dawn setgħu jibdew joperaw. Ix-xhud qal li s-soċjetà attriċi ġiet ikkumpensata għal dan billi tħallset kummissjonijiet għal kull CED li kien qiegħed jopera.

[67] *A fol.* 919 tal-proċess.

Permezz ta' nota, is-soċjetà attriċi ppreżentat l-*audited accounts* tagħha għas-sena 2014[68], kif ukoll l-*audited financial statements* tagħha għas-snin 2011, 2012 u 2013.[69]

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Qabel ma tidħol fil-mertu tal-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mis-soċjetà konvenuta, inkwantu li ġie eċċepit li l-azzjoni attriċi hija insostenibbli, u dan senjatament minħabba li t-talbiet tas-soċjetà attriċi ma jispeċifikawx ir-raġuni għalfejn qiegħda tintalab il-likwidazzjoni tad-danni, u jekk dawn id-danni humiex ta' natura kontrattwali, jew inkella humiex danni *ex delictu,* jew xi tip ta' danni oħra, bħall-ksur ta' obbligi kummerċjali li s-soċjetà konvenuta kienet marbuta bihom, u l-fatt li t-talba għal-likwidazzjoni tad-danni mhix preċeduta minn talba għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-istess danni da parti tas-soċjetà konvenuta.

Is-soċjetà attriċi ssottomettiet li ladarba l-Qorti qiegħda tintalab tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tagħmel pagament, b'mod naturali trid tindaga dwar ir-responsabbilità o meno tas-soċjetà konvenuta għad-danni mitluba mis-soċjetà attriċi, u li għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari mqajma mis-soċjetà konvenuta għandha tiġi miċħuda. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li

[68] *A fol.* 924 tal-proċess.
[69] *A fol.* 945 *et seq* tal-proċess.

tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Jonah Caruana et *vs.* Kummissarju tal-Artijiet et**[70], fejn intqal:

"Illi huwa sewwa sew dwar din id-dispożizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullità tal-att promutur ta' kawża minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Bosta minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta. Biż-żmien issawret tejorija, magħrufa bħala 'tal-ekwipollenti', li nisslet il-prinċipju li mhijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni;

Illi, għalhekk, rikors maħluf m'għandux jitwaqqa' għajr għal raġunijiet gravi;

Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalità tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, ir-Rikors Maħluf għandu jitwaqqa'. Għaldaqstant, biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validità huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha, u li tali tifsira, kif ingħad aktar 'il fuq, ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jinstiltu mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att promutur innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura ma jistax jingħad li l-att promutur huwa milqut min-nuqqas ta' siwi jew li l-proċedura ma tkunx tista' tiġi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Antonia Zahra *vs.* Raymond Borg**[71], il-Qorti wriet il-fehma li att ġudizzjarju għandu kemm jista' jkun jiġi salvat:

"Illi fl-ewwel lok jingħad li llum hija ġurisprudenza stabbilita li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.

Illi skont is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Michael Attard nomine *vs.* Raymond Galea,** deċiża fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi, 'bħala regola, skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ', u 'kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-

[70] P.A. 14.01.2016.
[71] P.A., 29.09.2015.

> rigorożità proċedurali u l-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża' (**Aquilina *vs.* Cassar –** Vol. LXXVI. Iv. 666).

Meta dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern, il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi fissret b'mod ċar l-oġġett tal-kawża, u r-raġunijiet li għalihom ġew intavolati dawn il-proċeduri huma mfissra b'mod ċar ukoll. Mill-premessi kif ukoll mit-talbiet, wieħed jista' jiddeduċi li l-oġġett tal-kawża proposta mis-soċjetà attriċi huwa sabiex din tikrupra flejjes allegatament dovuti lilha wara li s-soċjetà konvenuta naqset milli tadempixxi obbligi kontrattwali li s-soċjetà attriċi tgħid li din kellha fil-konfront tagħha, kif ukoll minħabba nuqqasijiet marbuta mar-relazzjoni kontrattwali li l-partijiet kellhom bejniethom, u li s-soċjetà attriċi tallega li s-soċjetà konvenuta naqset milli tonora fil-konfront tagħha.

Tqis li s-soċjetà konvenuta fehmet sew l-intenzjoni tas-soċjetà attriċi x'inhi u fejn din trid tasal bil-kawża, u dan jixhdu mhux biss il-fatt li s-soċjetà konvenuta qiegħda tikkontesta l-pretensjonijiet attriċi fl-intier tagħhom, iżda l-ispjegazzjoni dettaljata mogħtija minnha anki fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi. Naturalment dan qiegħed jingħad għall-finijiet tal-eċċezzjonijiet preliminari mogħtija mis-soċjetà konvenuta, u l-Qorti għad trid tindaga dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi.

Il-pretensjonijiet attriċi jistgħu jiġu diviżi f'ħames kategoriji ewlenin, li flimkien jammontaw għas-somma totali ta' €921,146.46, bit-talba tas-soċjetà attriċi

tinkludi l-imgħaxijiet fuq dan l-ammont. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra kull waħda mill-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi separatament:

(i) €124,525.58 rappreżentanti kummissjonijiet li s-soċjetà attriċi tgħid li tilfet matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2014 u l-5 ta' Mejju, 2014, liema somma jidher li ġiet ibbażata fuq il-qligħ iġġenerat mill-istabbilimenti tal-logħob (CTDs u CEDs) li kienu affiljati mas-soċjetà konvenuta, u dan wara li r-rata tal-kummissjonijiet imħallsa lis-soċjetà attriċi ġiet imnaqqsa minn 50% għal 15% u sussegwentement wara laqgħa bejn id-diriġenti tas-soċjetajiet kontendenti f'dawn il-proċeduri, ġie deċiż li r-rata ta' 15% għandha togħla għal 20%. Ir-rata ta' kummissjoni mħallsa lis-soċjetà attriċi hi regolata mill-*'Accordio Commerciale'* maqbul bejn il-partijiet, li kien jistipula li l-kummissjonijiet dovuti lis-soċjetà attriċi wara li din jirnexxielha tlaqqa' b'suċċess imprenditur interessat li jopera taħt l-isem *BET1128.com* tas-soċjetà konvenuta, kellhom ikunu ta' 50%. Fil-bidu tas-sena 2014, is-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa permezz ta' *email,* li l-kummissjoni li l-konvenuta kienet tħallas lir-rappreżentanti tagħha, fosthom lil Jacky System, kienet ser tiġi riveduta għal 15%. Is-soċjetà konvenuta allegat li hi ma rċeviet ebda oġġezzjoni rigward dan it-tnaqqis, għalkemm jirriżulta li wara laqgħa bejn id-diriġenti taż-żewġ soċjetajiet li saret f'Londra, kien ġie deċiż mis-soċjetà konvenuta li l-kummissjoni tas-soċjetà attriċi għandha tiżdied għal 20%, tant li wara li kien hemm ilment da parti tat-tifel ta' Michele Giacalone minħabba li din id-differenza ta' 5% ma kinitx tħallset lilhom, kien ġie effettwat ħlas tad-differenza fil-*Conto Master,* u dan l-ammont ġie rtirat mis-soċjetà attriċi.

Is-soċjetà attriċi ssostni li s-soċjetà konvenuta ma setgħetx tirrevedi l-kummissjonijiet imħallsa minnha b'mod unilaterali, jew minħabba esiġenzi

kummerċjali, u dan minħabba li l-*'Contratto di Mandato'* li kellha mas-soċjetà konvenuta jistipula li kwalsiasi tibdil fil-ftehim bejn il-partijiet għandu jsir bil-miktub u wara li jkun hemm preavviż ta' tletin ġurnata. Madanakollu s-soċjetà konvenuta insistiet li r-rati ta' kummissjoni mħallsa lir-rappreżentanti tagħha, huma regolati mill-*'Accodio Commerciale'* li jidħol fis-seħħ wara li s-soċjetà konvenuta jirnexxielha tlaqqa' b'suċċess imprenditur mas-soċjetà konvenuta u dan jibda jopera. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li ladarba l-flus iddepożitati minnha fil-*Conto Master 513,* kif inhu magħruf il-kont virtwali li fih jiġu addebitati krediti mis-soċjetà konvenuta, inġibdu minn Michele Giacalone, dan ifisser aċċettazzjoni da parti tas-soċjetà attriċi tar-rata ta' kummissjoni kif riveduta, stante li l-ħlas ġie aċċettat, u fl-ebda waqt qabel intemmet ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet f'Mejju tal-2014, ma kien hemm talba da parti tas-soċjetà attriċi għall-ħlas tad-differenza bejn l-20% mħallsa lilha u l-50% li qiegħda tippretendi f'din il-kawża.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal li ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Accountant General *vs.* Carmelo Penza noe**[72]:

> "**...** jekk l-offerta kienet biss fl-istadju inizjattiv versu l-konklużjoni tal-kuntratt, l-aċċettazzjoni għandha b'neċessità titqies bħala adeżjoni għall-kontenut tal-offerta. Konsiderati flimkien – l-offerta u l-aċċettazzjoni – jikkostitwixxu n-negozju ġuridiku li hu l-bażi u s-sostrat tal-ftehim. Jekk l-offerta tirrivesti l-karattru ta' negozju unilaterali, l-aċċettazzjoni tagħha timmanifesta l-volontà tal-aċċettant illi jgħaqqad dan il-karattru unilaterali tal-offerent ma' dak unilaterali tiegħu, qua aċċettant, u b'hekk jikkonkludi l-ftehim."

Jirriżulta minn dak li ġie esebit fl-atti, li l-unika darba li s-soċjetà attriċi ilmentat fir-rigward tal-kummissjoni mħallsa lilha, kien meta ppretendiet li

[72] 28.05.2003.

tirċievi ħlas bir-rata ta' 20%, u minflok tħallset bir-rata ta' 15%, u wara li kien hemm telefonata f'dan ir-rigward, id-differenza ta' 5% kummissjoni ġiet addebitata lilha fil-*Conto Master 513,* u dan l-ammont ta' €20,248 ġie aċċettat minnha tant li ġie prelevat mill-kont fil-11 ta' Marzu 2014. Is-soċjetà attriċi tgħid li tant din ir-reviżjoni tar-rati tal-kummissjoni mħallsa lilha ma kinitx xi ħaġa li hi qablet magħha, li ftit wara li hi ġiet mgħarrfa bir-reviżjoni, hi intavolat dawn il-proċeduri b'talba appożita sabiex il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta għandha tħallasha s-somma ta' €124,525.58.

Il-Qorti tqis li meta s-soċjetà konvenuta infurmat lis-soċjetà attriċi u lil għadd ta' rappreżentanti oħra tagħha, li r-rata ta' kummissjoni mħallsa minnha kienet qiegħda tiġi riveduta, din kienet qiegħda taġixxi fil-parametri ta' dak permess lilha skont l-ftehim separat li kien jirregolaw ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, u li meta l-kummissjoni mħallsa lis-soċjetà attriċi ġiet aċċettata, tant li l-krediti ddepożitati ġew miġbudin minnha mill-*Conto Master,* kien hemm aċċettazzjoni taċita ta' din ir-rata riveduta li biha kellha tibda titħallas, u għalhekk m'hemmx lok għall-ħlas lilha tad-differenza bejn l-20% li diġà ġew aċċettati minnha, u l-50% li hi qiegħda tippretendi f'din il-kawża.

Fir-rigward tal-prinċipju ta' aċċettazzjoni taċita ta' modifika ta' kuntratt, il-Qorti tqis li jkun utili jekk tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Farrugia noe *vs.* Yves Cali et noe**[73]:

> "Fil-kawża '**Mallia *vs* Satariano**', deċiża minn din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2000, ġie abbraċċjat u aċċettat is-segwenti prinċipju, u ċioe:-

---

[73] P.A., 09.10.2003.

> "*If, during the performance of an agreement, one party behaves contrary to what the other supposes to have been the terms of the agreement, but does not react and continues to accept such behaviour, it is more likely that the terms of the agreement are to be deduced in accordance with the behaviour of the first party than in accordance with what the other 'supposed' them to be;*
>
> Prinċipju simili kien ġie enunċjat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża '**Deares noe vs O'Dea et noe**' deċiża fil-25 ta' Ġunju, 1996, fejn intqal li għandu jitqies li jkun hemm ratifikazzjoni taċita meta ssir xi ħaġa kontra l-interess ta' dak li jkun u ma ssir ebda oppożizzjoni (saret referenza għall-kawża **Borg Grech *vs* Attard Montalto,** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 1956)."

(ii) Is-somma ta' €76,000 rappreżentanti ħlas ta' depożitu kawzjonali li s-soċjetà attriċi għamlet f'isem għadd ta' CEDs li kellhom l-obbligu jħallsu d-depożitu kawzjonali lis-soċjetà konvenuta huma, iżda minflok dan id-depożitu tħallas mis-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi tgħid li ladarba r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet spiċċat, dan id-depożitu għandu jitħallas lura lilha.

Is-soċjetà konvenuta wieġbet li fit-22 ta' April, 2014 kienu ġew rimborsati l-ammonti ta' €8,331 u ta' €35,530 fil-*Conto Master* tas-soċjetà attriċi, għal total ta' €43,861, liema ammonti tħallsu speċifikament bħala '*Accredito parte deposito trattenuto in data 06.11.2013'*. Qalet li ammont ulterjuri ġie ddepożitat mill-bank wara li sar mandat ta' sekwestru da parti tas-soċjetà attriċi, minn liema depożitu jista' jittieħed l-ammont ta' €32,139 sabiex jagħmel tajjeb għal din il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi, u b'hekk din tkun tħallset l-ammont tad-depożitu kawzjonali kollu li kienet ħallset oriġinarjament.

Wara li kkonsidrat din il-prova, li ma ġiet ikkontestata bl-ebda mod mis-soċjetà attriċi, il-Qorti tinsab sodisfatta li parti minn dan id-depożitu diġà tħallas lura lis-soċjetà attriċi u li sabiex din tissalda l-pretensjoni tagħha f'dan

ir-rigward, għandha titħallas l-ammont ta' €32,139 mingħand is-soċjetà konvenuta, liema ammont jista' jiġi prelevat mill-flus iddepożitati taħt l-awtorità tal-Qorti.

(iii) €238,000 li ġew minfuqa mis-soċjetà attriċi b'rabta ma' attrezzaturi li kien meħtieġ li jsiru f'għadd ta' stabbilimenti CEDs li nfetħu ġewwa l-Italja.

Il-Qorti kkonsidrat dak li rriżulta mill-provi, partikolarment dak li xehed Michele Giacalone li minkejja li s-soċjetà attriċi ma kellha ebda obbligu tagħmel dan skont il-mandat mogħti lilha u bis-saħħa tal-ftehim li l-partijiet kellhom bejniethom, hi kienet għamlet spejjeż konsiderevoli sabiex tiżgura li l-istabbilimenti miftuħa fl-Italja taħt l-isem BET1128.com ikunu jistgħu jibdew joperaw. F'dan ir-rigward ġew esebiti għadd ta' fatturi sabiex jiġġustifikaw is-somma pretiża mis-soċjetà attriċi. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qalet li minn imkien ma jirriżulta li fil-ftehim bejn il-kontendenti kien hemm ikkontemplat li s-soċjetà attriċi kienet awtorizzata tagħmel tali spejjeż, tant li l-ftehim li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet jispeċifika li l-ħlasijiet lis-soċjetà attriċi jsiru biss jekk ikunu awtorizzati mis-soċjetà konvenuta. Fix-xhieda tiegħu Michele Giacalone qal li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda mibnija fuq il-fiduċja, u minkejja li qabel intemmet ir-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet hu qatt ma ħass il-ħtieġa li mqar isemmi li kien qiegħed jipprentendi ħlas għal flejjes li jallega li ġew minfuqa mis-soċjetà attriċi, jgħid li hu dejjem għamel tali spejjeż bl-intiża li xi darba jitħallas tagħhom. Is-soċjetà attriċi tgħid ukoll li hi ħasset li għandha tassisti fl-ispejjeż għall-arredament u l-irranġar tal-istabbilimenti minħabba li hi kellha preżenza fl-Italja, u għalhekk kien aktar faċli u prattiku li tkun hi li testendi l-assistenza kollha li dawn l-istabbilimenti kellhom bżonn, u dan minkejja li l-ftehim kummerċjali li s-

soċjetà konvenuta kienet tiffirma maċ-CEDs b'mod individwali, kien jistipula li filwaqt li s-soċjetà CenturionBet kellha toffri konsulenza dwar il-mod kif tali stabbilimenti għandhom jiġu attrezzati, huma l-imprendituri li ffirmaw tali ftehim li kellhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż meħtieġa biex jarredaw l-istabbiliment tagħhom u mhux is-soċjetà konvenuta. Ġie spjegat li f'dan ir-rigward is-soċjetà konvenuta kellha rwol ta' *franchisor,* li ma kellha l-ebda obbligu toħroġ flejjes hi biex tiżgura li l-istabbilimenti li qegħdin joperaw taħt l-isem *'Bet1128'* tas-soċjetà konvenuta, kienu arredati kif suppost. Il-Qorti kkonsidrat ukoll ix-xhieda ta' Davide Asaro f'dan ir-rigward, li kkonferma li fil-fatt l-ispejjeż għall-arredament tal-istabbiliment li kien jopera minnu hu, ħariġhom hu, filwaqt li s-soċjetà attriċi assistietu billi fornietu b'materjal promozzjonali li mhux ċar jekk kienx riċevut mingħand is-soċjetà konvenuta. Il-mandat li kellha Jacky System kien jistabbilixxi l-oppost ta' dak li hija qiegħda tippretendi f'din it-talba partikolari, u ċjoè li sakemm mhux awtorizzati espressament minn CenturionBet, l-ispejjeż minfuqa għandhom ikunu sopportati minnha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti kkonsidrat id-dispost tal-artikolu 1880 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula illi:

> (1) Il-mandant għandu jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li l-mandatarju jkun ikkuntratta skont is-setgħat li huwa jkun tah.
>
> (2) Hu mhux obbligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mil-limiti ta' dawk is-setgħat, ħlief jekk hu jkun irratifika espressament jew taċitament dak l-għemil.

Il-Qorti kkonsidrat li s-soċjetà attriċi qiegħda ssostni li tali spejjeż minfuqa minnha jammontaw għal arrikkiment indebitu da parti tas-soċjetà konvenuta,

fid-dawl ta' dak li xehdu x-xhieda Asaro u Lombardo, li qalu li wara li tterminaw ir-relazzjoni kummerċjali mas-soċjetà konvenuta huma baqgħu joperaw fl-istess linja tal-*gaming,* iżda permezz ta' ftehim ġdid mas-soċjetà attriċi. Dan ifisser li ma kien hemm l-ebda arrikkiment indebitu għas-soċjetà konvenuta li ftit wara dawn l-avvenimenti, itterminat ir-relazzjoni kummerċjali li kienet stabbiliet ma' għadd ta' CEDs, li iżda baqgħu joperaw tramite ftehim ġdid mas-soċjetà attriċi, li spiċċat tgawdi mill-investiment li kien sar f'dawn l-istabbilimenti, kien min kien li ħareġ il-flus għal dan l-iskop.

(iv) €264,109.52 rappreżentanti il-pretensjoni tas-soċjetà attriċi għat-telf soffert minnha konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà konvenuta li ttemm ir-relazzjoni kummerċjali tagħha ma' għadd ta' stabbilimenti wara li dawn kienu ġew introdotti lilha mis-soċjetà attriċi.

Il-Qorti kkonsidrat il-provi miġjuba dwar ir-raġunijiet għalfejn ġiet mitmuma tali relazzjoni kummerċjali, li jistgħu jinqasmu fi tlieta – in-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 88 T.U.L.P.S. tal-liġi Taljana, in-nuqqas ta' attività ekonomika, u l-fatt li wara spezzjoni li saret mill-Guardia di Finanza ġewwa l-Italja, kien ġie stabbilit li diversi minn dawn l-istabbilimenti kienu kisru l-obbligu tal-esklussività li kellhom fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, u kienu qegħdin jaħdmu ma' operaturi oħra fil-qasam tal-logħob, xi ħaġa li kienet espressament ipprojbita bil-ftehim li dawn kellhom mas-soċjetà konvenuta. Jirriżulta li Jacky System kellha l-obbligu li tiġbor id-dokumentazzjoni kollha rilevanti u tgħaddiha lis-soċjetà konvenuta għall-iskrutinju tagħha, sabiex wara dan l-iskrutinju tittieħed deċiżjoni mill-konvenuta jekk CED għandhiex tiġi aċċettata biex topera taħt l-isem *'Bet1128'* tas-soċjetà konvenuta. Mill-provi jirriżulta wkoll li wara li fl-2012 kien iddaħħal rekwiżit taħt il-liġi Taljana li

jistabbilixxi li stabbilimenti tal-logħob kellhom ikunu konformi mal-Artikolu 88 T.U.L.P.S., kienet intbagħtet *email* minn Michela Pusceddu lill-istabbilimenti kollha sabiex dawn jassiguraw li qegħdin joperaw in konformità mal-liġi. Minkejja dawn l-isforzi tas-soċjetà konvenuta sabiex tipprova tiżgura li l-istabbilimenti kollha li kienu qegħdin joperaw taħt l-isem *'Bet1128'* kienu konformi mal-liġi, kien hemm numru minn dawn l-istabbilimenti li baqgħu ma kkonformawx u kien fid-dawl ta' dan li s-soċjetà konvenuta ddeċidiet li tittermina r-relazzjoni kummerċjali li kellha magħhom. Irriżulta wkoll li wħud minn dawn l-istabbilimenti ma kellhom l-ebda attività ekonomika għaddejja, u kien għalhekk li wħud minnhom ingħalqu. Jirriżulta ukoll li qabel ma nġabet fi tmiemha r-relazzjoni kummerċjali tas-soċjetà konvenuta ma' dawn l-istabbilimenti, kien hemm uħud minnhom li wrew ix-xewqa li jibdew joperaw permezz ta' ftehim mas-soċjetà attriċi, tant hu hekk uħud minn dawn in-negozji baqgħu joperaw għal Jacky System, u dan wara ksur tal-obbligi kontrattwali minn uħud minnhom fir-rigward tal-konvenuta, minħabba ksur tal-klawsola ta' esklussività.

Il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi ma tistax tippretendi li ladarba stabbiliment infetaħ għan-negozju, dan ma jista' jingħalaq qatt, *multo magis* jekk jinstab li dan kien qiegħed jikser obbligi kontrattwali li kien intrabat bihom, jew l-operat tiegħu qiegħed jikser il-liġi tal-pajjiż. Jacky System kienet diġà ġiet remunerata tax-xogħol li wettqet sabiex laqqgħet l-istabbilimenti CED mas-soċjetà konvenuta, u dan bil-ħlas ta' kummissjonijiet lilha ladarba l-imprendituri jew l-istabbilimenti inkwistjoni bdew joperaw taħt l-isem *'Bet1128'* tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi ma tistax tippretendi li ladarba s-soċjetà konvenuta kienet kostretta ttemm dik ir-relazzjoni

kummerċjali, is-soċjetà attriċi għandha jedd għal telf ta' profitti li hi timmaġina li setgħet tagħmel kieku dawk l-istabbilimenti tħallew miftuħa. Barra minn hekk, kwalsiasi pretensjoni tas-soċjetà attriċi f'dan ir-rigward hija bbażata fuq profitti immaġinarji u mhux reali, li setgħu jew ma setgħux jimmaterjalizzaw, u għalhekk il-pretensjoni tagħha f'dan ir-rigward mhix qiegħda tintlaqa' mill-Qorti.

(v) €218,511.36 rappreżentanti krediti allegatament misapproprjati mis-soċjetà konvenuta permezz ta' movimenti fil-*Conto Master 513,* li s-soċjetà konvenuta ma kinitx awtorizzata tagħmel.

Il-Qorti kkonsidrat li l-*Conto Master* huwa kont virtwali li l-krediti fih jappartjenu lis-soċjetà attriċi, iżda l-movimenti u t-trasferimenti f'dan il-kont kienu jsiru mis-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta ma kellha ebda jedd jew awtorizzazzjoni tippreleva krediti ddepożitati f'dan il-kont, jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tas-soċjetà attriċi. Spiss kien jiġri, kif jirriżulta minn dokumentazzjoni esebita fl-atti ta' din il-kawża, li l-istabbilimenti CEDs / CTDs kienu jgħidu lis-soċjetà attriċi biex tgħid lis-soċjetà konvenuta żżidilhom il-krediti f'dan il-kont, u tali talbiet kienu jsiru bil-miktub, diversi drabi permezz ta' *emails.* Jirriżulta wkoll mix-xhieda li semgħet din il-Qorti, li mhux minnu li s-soċjetà konvenuta kellha l-fakoltà li tagħmel ċaqliq ta' krediti f'dan il-kont sakemm dawn ma jkunux approvati minn Jacky System minn qabel, u li għalhekk l-asserzjoni tas-soċjetà attriċi li dan l-ammont ta' krediti jappartjeni lilha, mingħajr ma tissostanzja din il-pretensjoni tagħha, ukoll m'għandhiex tiġi milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta;**

2. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tas-soċjetà konvenuta;**

3. **Tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi, għajr għal dik il-parti tat-tieni talba fejn intalab il-ħlas lura tad-depożitu kawzjonali mħallas mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta, b'dan illi l-bilanċ li għadu dovut lis-soċjetà attriċi huwa ta' tnejn u tletin elf, mija u disgħa u tletin Euro (€32,139). Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont hekk likwidat rappreżentanti l-bilanċ tad-depożitu kawzjonali li għadu dovut.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tas-soċjetà attriċi.**

Moqrija.